Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11748/25

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0222 (COD)**

**EDUC 326**
**JEUN 201**
**SPORT 31**
**SOC 533**
**COMPET 756**
**DIGIT 147**
**ENV 719**
**CADREFIN 106**
**FIN 897**
**IA 89**
**CODEC 1043**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 17 ta' Lulju 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 549 final |
| Suġġett: | Proposta għal<br>REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL<br>li jistabbilixxi l-programm Erasmus+ għall-perjodu 2028–2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 549 final.

Mehmuż: COM(2025) 549 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2025
COM(2025) 549 final

2025/0222 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-programm Erasmus+ għall-perjodu 2028–2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888**

{SWD(2025) 550-551} - {SEC(2025) 547}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### Raġunijiet u objettivi

*Il-kuntest tal-politika*

L-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport huma l-aktar investiment b'saħħtu tal-Unjoni fil-kapital uman, it-trawwim tal-ħiliet u l-bini ta' konnessjonijiet fl-Ewropa kollha, u b'hekk jistabbilixxu l-pedament għal Unjoni Ewropea reżiljenti u koeżiva, fejn iċ-ċittadini jitħejjew bil-ħiliet u l-kompetenzi t-tajba mill-aktar età bikrija, u jħaddnu identità Ewropea kondiviża fid-diversità kollha tagħha. Huma wkoll xpruni għall-ġustizzja soċjali, il-prosperità sostenibbli u l-kompetittività u kontributuri ewlenin għal ħafna mill-prijoritajiet politiċi kumplessivi tal-UE, bħall-preparatezza u t-tranżizzjoni doppja.

L-importanza tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport għall-futur tal-Ewropa ġiet riflessa fl-aġenda politika u fir-rapporti strateġiċi reċenti tal-UE.

L-Aġenda Strateġika għall-Ewropa 2024–2029[1] tal-mexxejja tal-UE tagħmel l-investiment fil-ħiliet, fit-taħriġ u fl-edukazzjoni prijorità, filwaqt li tirrikonoxxi li f'era li fiha l-kompetizzjoni globali flimkien mad-diverġenzi politiċi u soċjali qed jintensifikaw, l-edukazzjoni hija l-forza li tgħaqqad u l-pedament li fuqu l-Ewropa trid tibni l-awtonomija strateġika, is-saħħa ekonomika, id-demokrazija u l-koeżjoni tagħha.

Fil-linji gwida politiċi 2024–2029, il-President von der Leyen tenfasizza l-ħtieġa li ssir "bidla radikali fl-ambizzjoni u l-azzjoni — għal-livelli kollha tal-ħiliet u għat-tipi kollha ta' taħriġ u edukazzjoni. Dan huwa importanti għall-karrieri u l-prospetti tan-nies daqskemm huwa għall-kompetittività tagħna." Barra minn hekk, il-President wiegħdet li "se nistabbilixxu Unjoni tal-Ħiliet[2] — li tiffoka fuq l-investiment, it-tagħlim għall-adulti u tul il-ħajja, iż-żamma tal-ħiliet u r-rikonoxximent ta' tipi differenti ta' taħriġ biex in-nies ikunu jistgħu jaħdmu madwar l-Unjoni tagħna", u li "se nsaħħu l-Erasmus+ — inkluż għat-taħriġ vokazzjonali — sabiex aktar nies ikunu jistgħu jibbenefikaw minnu. Dan huwa kruċjali għan-nies biex jiżviluppaw il-ħiliet u joħolqu esperjenzi kondiviżi u fehim aħjar ta' xulxin. Dan se jkun parti minn impenn usa' biex iż-żgħażagħ jingħataw aktar libertà u responsabbiltà fis-soċjetajiet u d-demokraziji tagħna." Hija wiegħdet li se "nkomplu naħdmu lejn Lawrja Ewropea". Il-President enfasizzat ukoll li trid tiżgura li "ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jużaw il-vuċi tagħhom — il-vuċi tagħhom stess — biex jgħinu fit-tiswir tal-futur tagħna."

Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2024 dwar l-implimentazzjoni tal-programm Erasmus+, il-Parlament Ewropew[3] enfasizza li "l-programm kien forza mexxejja għaż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u għandu jkompli jwieġeb għax-xejriet futuri fl-edukazzjoni biex ilaħħaq mal-bidla fis-soċjetà u fit-teknoloġija" u li "Erasmus+ huwa kruċjali fit-trawwim ta' sens Ewropew ta' appartenenza".

---

[1] L-Aġenda Strateġika 2024–2029, il-Kunsill Ewropew tas-27 ta' Ġunju 2024 (https://www.consilium.europa.eu/media/4aldqfl2/2024_557_new-strategic-agenda.pdf).

[2] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, L-Unjoni tal-Ħiliet (COM(2025) 90 final).

[3] L-implimentazzjoni tal-programm Erasmus+ 2021-2027, (2023/2002(INI)), https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2024-0007_MT.html

Iż-żewġ rapporti ewlenin li jipprovdu analiżi bir-reqqa u għarfien dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea, ir-rapport ta' Letta[4] u r-rapport ta' Draghi[5], jisħqu fuq l-importanza tal-investiment fl-edukazzjoni u l-ħiliet, inkluż ir-rwol ewlieni ta' Erasmus+. Barra minn hekk, ir-rapport ta' Sauli Niinistö[6] jikkonkludi li r-reżiljenza tal-ekonomija u tas-soċjetajiet tal-Unjoni, speċjalment f'setturi kritiċi għaż-żamma tal-istabbiltà tas-soċjetà u dik ekonomika, bħall-edukazzjoni, hija ta' importanza kbira fid-dawl ta' kriżijiet potenzjali fuq skala kbira, bħal kunflitti militari u diżastri.

Il-programm Erasmus+ jimxi id f'id mal-ambizzjoni msemmija fil-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet[7] tal-5 ta' Marzu 2025, li jiġu żviluppati sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex tiżdied il-kompetittività tal-UE, u biex titkabbar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (EEA, European Education Area), li hi faċilitatur ewlieni tal-Unjoni tal-Ħiliet. Dan se jwitti t-triq għall-formazzjoni tal-ħiliet tul il-ħajja u jipprovdi spazju komuni ġenwin għal edukazzjoni u apprendiment tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi bejn il-fruntieri.

L-appoġġ ta' finanzjament tal-UE għall-isfidi li jaffettwaw il-ħiliet, l-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ, il-volontarjat u l-isport ġie pprovdut permezz ta' programmi differenti matul is-snin. Fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021–2027, l-appoġġ ingħata prinċipalment permezz ta' Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, il-Fond Soċjali Ewropew+, il-Qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni u Orizzont Ewropa. Il-proposta għall-QFP li jmiss għandha l-għan li tindirizza l-kumplessitajiet, id-dgħufijiet u r-riġiditajiet li hemm bħalissa fl-istrumenti ta' finanzjament kumplessivi tal-Unjoni b'baġit fit-tul aktar iffukat, aktar sempliċi, b'inqas programmi u li jħalli impatt akbar.

*Il-fatturi ewlenin tal-isfidi/problemi*

L-UE qed tiffaċċja sfidi serji fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll taż-żgħażagħ u l-isport. L-Ewropa teħtieġ nies bil-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa, għall-ħajja u għall-impjiegi, għat-tkabbir personali kif ukoll għal ekonomija u soċjetà aktar sostenibbli, reżiljenti u diġitali. L-investiment fl-iżvilupp ta' dawn il-ħiliet huwa kruċjali biex tiġi żgurata Ewropa prospera, koeżiva u kompetittiva. Illum, is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ isibuha diffiċli biex jipprovdu lin-nies livell minimu ta' profiċjenza ta' ħiliet bażiċi u biex irawmu l-kompetenzi avvanzati u l-ħiliet personali meħtieġa, fl-istadji kollha tal-ħajja. L-akkwist ta' ħiliet u kompetenzi trażversali bħall-flessibbiltà, ir-reżiljenza, l-empatija, il-fiduċja, il-mentalità miftuħa, il-ħsieb kritiku, il-litteriżmu diġitali u medjatiku u x-xogħol f'tim se tkun daqstant importanti biex l-individwi jingħataw is-setgħa li jixprunaw il-bidla, jirnexxu f'dinja li qed tinbidel malajr u jikkontribwixxu għal saħħa u benesseri mentali aħjar. Dawn il-ħiliet iżidu wkoll l-impjegabbiltà u jgħinu biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà u tinbena Ewropa aktar b'saħħitha, li tkun imħejjija aħjar biex tiffaċċja l-kriżijiet. L-Ewropa għadha lura fil-ħiliet bażiċi[8] u r-rata ta' progress insuffiċjenti żdiedet sew fil-matematika (–18-il punt), fil-qari (–12) u fix-xjenza (–3,4) meta mqabbla mal-programm preċedenti tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, Organisation for Economic Co-operation and Development) għall-valutazzjoni internazzjonali tal-istudenti (PISA, Programme for International Student Assessment) fl-2018. L-UE ma tipproduċix biżżejjed gradwati ta' ħila

4 Much more than a market, Enrico Letta, April 2024.
5 The future of European competitiveness: Rapport ta' Mario Draghi, Settembru 2024.
6 Safer Together – Strengthening Europe's Civilian and Military Preparedness and Readiness, Sauli Niinistö, 2024.
7 L-Unjoni tal-Ħiliet, COM(2025) 90 Final.
8 Ir-Rapport tal-istudju PISA 2022 jiddeskrivi l-prestazzjoni edukattiva li sejra għall-agħar u inugwaljanza aktar profonda | Iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.

mill-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni vokazzjonali, bi kważi erbgħa minn kull ħames impjegaturi jirrapportaw diffikultajiet biex isibu l-ħaddiema bil-ħiliet it-tajba[9]. B'mod kumplessiv, in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet qed jiżdied fl-Istati Membri kollha, u dan qed iħalli impatt fuq il-kapaċità tal-UE li tilqa' t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, flimkien mal-kompetittività tagħha. Id-disparitajiet fil-livell u l-aċċess għal edukazzjoni formali u mhux formali ta' kwalità u inklużiva fl-Unjoni kollha jippersistu, inkluż fir-rigward ta' żoni rurali u remoti, u jaċċentwaw id-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali. Barra minn hekk, għad hemm differenzi bejn il-ġeneri, bi kważi d-doppju tal-irġiel, meta mqabbla man-nisa, li jistudjaw ix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM, science, technology, engineering and mathematics).

Hemm ħtieġa ċara li dawn il-kwistjonijiet relatati mal-ħiliet jiġu indirizzati u li jinħoloq ambjent favorevoli li jippromwovi eżiti tal-apprendiment aħjar għal kulħadd minn età bikrija u jħejji lill-istudenti biex jirnexxu fit-tul.

L-awtonomija strateġika u l-kompetittività tal-UE jiddependu wkoll mill-kapaċità tagħha li trawwem, tattira u żżomm it-talent, b'mod partikolari fid-dawl tal-kompetizzjoni globali. Barra minn hekk, l-Unjoni trid tagħti prijorità lill-iżvilupp tal-edukazzjoni bil-ħsieb li jiġu żviluppati ħiliet avvanzati, inklużi ħiliet diġitali, tekniċi u trażversali.

L-isfida tal-ħiliet tmur lil hinn minn sempliċi kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u tindirizza l-ħtieġa għal soċjetà b'saħħitha, reżiljenti, involuta, magħquda u preparata. Se jkun kruċjali li minn età bikrija, l-individwi jitħejjew bil-ħiliet u l-kompetenzi għall-ħajja, li jippermettulhom jinnavigaw id-dinja kumplessa u li qed tinbidel malajr li ngħixu fiha, jinvolvu ruħhom u jieħdu rwol attiv fis-soċjetà u fil-proċessi demokratiċi. It-twemmin taż-żgħażagħ f'opportunitajiet indaqs naqas drastikament, bi tnaqqis ta' 16-il punt perċentwali f'dawn l-aħħar 10 snin[10]. Ħafna jħossuhom emarġinati minħabba l-istatus soċjoekonomiku, l-oriġini etnika, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, id-diżabbiltà, jew il-fehmiet politiċi tagħhom, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet jew dawk li jgħixu f'żoni rurali jew remoti, b'24 % (qrib it-18-il miljun) taż-żgħażagħ jinsabu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-Unjoni; 11 % taż-żgħażagħ ta' bejn il-15 u d-29 sena għadhom barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ. In-nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli jkompli jaggrava din il-vulnerabbiltà, u jillimita l-aċċess taż-żgħażagħ għall-edukazzjoni u l-opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment.

Iż-żgħażagħ għandhom it-tendenza li jipparteċipaw inqas fil-politika istituzzjonali u fi proċessi demokratiċi oħra minn gruppi ta' età oħra u ħafna inqas miż-żgħażagħ fil-passat[11]. Jista' jkun li huma u jipparteċipaw fid-demokrazija jkollhom jiffaċċjaw ostakli, fosthom li ma jkollhomx biżżejjed għarfien dwar id-drittijiet demokratiċi tagħhom, li jsibuha diffiċli jaċċessaw l-informazzjoni, u li l-involviment tagħhom fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet ikun limitat. L-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi nfushom jistgħu jkunu inaċċessibbli u ma jkunux akkoljenti għaż-żgħażagħ. Dawn l-isfidi, inklużi r-rekwiżiti ta' ħiliet multipli, ma jistgħux jiġu ssodisfati permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali biss. L-apprendiment mhux formali u informali, l-involviment f'attivitajiet bħall-volontarjat, jew l-isport iġibu magħhom valur komplementari. Dawn jistgħu joffru opportunitajiet siewja għan-nies biex jiżviluppaw l-għarfien, il-ħiliet, l-attitudnijiet u l-imġiba biex jikbru u jsiru ċittadini attivi u involuti.

[9] L-istħarriġ tal-Ewrobarometru, Novembru 2023, data.europa.eu.

[10] L-istħarriġ tal-Ewrobarometru FL502 dwar iż-Żgħażagħ u d-Demokrazija fis-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ, https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/2282.

[11] L-istudju tal-Parlament Ewropew, "Young people's participation in European democratic processes - How to improve and facilitate youth involvement", 2023.

Madankollu, l-opportunitajiet għal azzjonijiet bħal dawn huma limitati, u b'hekk iħallu impatt negattiv fuq l-iżvilupp tal-kapital soċjali, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ.

*Il-kontribuzzjoni u l-objettivi tal-Programm*

Il-Programm futur jista' jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, permezz ta' opportunitajiet ta' apprendiment għal kulħadd u l-bini tal-kapaċitajiet miksub permezz tal-kooperazzjoni u l-appoġġ għall-politiki.

Il-mobbiltà tal-apprendiment li tibda minn età bikrija hija fil-qalba ta' Erasmus+. Din tesponi lill-istudenti għal ambjenti tal-apprendiment differenti u diversi, metodi ġodda ta' tagħlim u taħriġ, ambjenti istituzzjonali u kuntest soċjali differenti. Dawn l-esperjenzi jagħtu lok lill-individwi li mhux biss jespandu l-għarfien dixxiplinari iżda wkoll li jiżviluppaw il-ħiliet tal-ħsieb kritiku, tas-soluzzjoni tal-problemi u tal-komunikazzjoni, kif ukoll itejbu r-reżiljenza, l-adattabbiltà, l-awtonomija u l-fiduċja fihom infushom. Dawn il-ħiliet huma trasferibbli ħafna għad-dinja professjonali, u b'hekk iżidu l-impjegabbiltà u jikkontribwixxu għal forza tax-xogħol ta' ħila u kompetittiva. Għall-persunal, il-mobbiltà tal-apprendiment tagħti spinta lill-iżvilupp professjonali, in-networking u l-opportunitajiet ta' kollaborazzjoni u twassal għal prattiki ta' tagħlim ta' kwalità mtejba. Dan huwa partikolarment kruċjali fix-xenarju edukattiv tal-lum fejn il-karrieri fit-tagħlim fil-livelli kollha jeħtieġ isiru aktar attraenti u fejn irid jitħeġġeġ l-iżvilupp professjonali kontinwu.

L-għan huwa li l-mobbiltà tal-apprendiment issir realtà għal kulħadd, mill-aktar fis, filwaqt li jiġi żgurat li l-opportunitajiet ikunu aċċessibbli fis-setturi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll fis-settur taż-żgħażagħ u l-isport, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill "Ewropa Attiva – Opportunitajiet ta' apprendiment għal kulħadd"[12]. L-azzjoni tal-UE se tgħin biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-mobbiltà, billi tipprovdi biżżejjed finanzjament u miżuri ta' appoġġ ħalli tippromwovi d-diversità u tiżgura aċċess ugwali għall-individwi, irrispettivament mill-isfond kulturali, soċjali, ekonomiku jew ġeografiku tagħhom, jew minn kwalunkwe ħtieġa speċjali li jista' jkollhom.

Permezz tat-tisħiħ tal-mobbiltà u l-miżuri ta' appoġġ ta' akkumpanjament, il-programm Erasmus+ futur għandu jsaħħaħ il-kontribuzzjoni tiegħu għall-ħames ħila bażika taċ-ċittadinanza demokratika u għall-iżvilupp ta' sens ta' identità Ewropea u impenn għall-valuri tal-UE. Huwa programm fundamentali għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni demokratika u tas-soċjetà, billi jintegra ċ-ċittadinanza u l-involviment fl-oqsma kollha tal-Programm, b'mod partikolari l-edukazzjoni skolastika, jallinja ruħu aħjar ma' prijoritajiet ġodda bħall-preparatezza, u jisfrutta l-potenzjal sħiħ tal-qasam tal-isport b'mod partikolari permezz tal-espansjoni tal-attivitajiet ta' mobbiltà fil-qasam tal-isport biex jiġu involuti l-atleti flimkien mal-kowċis.

Billi joffri opportunitajiet u attivitajiet ta' volontarjat biex in-nies jinvolvu ruħhom u jesprimu solidarjetà, il-Programm se jkompli jippromwovi l-iżvilupp ta' kultura ta' solidarjetà, kura u fehim fost iċ-ċittadini, speċjalment l-iżgħar ġenerazzjonijiet, u se jikkontribwixxi biex isir progress fir-rigward tal-inklużjoni u l-koeżjoni soċjali. Biex tiġi żviluppata s-solidarjetà man-nies fil-bżonn f'pajjiżi mhux tal-UE, din il-proposta tinkludi wkoll il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja, appoġġat mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027. Il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja jappoġġa l-attivitajiet ta' volontarjat fl-operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja fit-tul ta' wara kriżi u ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, immirati biex jipprevjenu u jtaffu t-tbatija umana,

[12] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2024 "Ewropa Attiva" – opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd (ĠU C, C/2024/3364, 14.6.2024).

iżommu dinjità umana dejjiema, isaħħu l-preparatezza għad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskju tad-diżastri, jorbtu flimkien l-għajnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-kapaċità tal-komunitajiet vulnerabbli jew affettwati mid-diżastri biex ikampaw fil-kriżijiet u jirkupraw minnhom.

Barra minn hekk, il-Programm għandu jappoġġa lill-istudenti biex jinvolvu ruħhom f'setturi kritiċi u jkompli jagħti spinta lill-innovazzjoni u l-eċċellenza fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż billi jiżviluppa l-ħiliet u l-kompetenzi f'oqsma strateġiċi, jindirizza n-nuqqas ta' ħiliet u talent tal-Ewropa, u jagħmel lill-Unjoni destinazzjoni aktar attraenti għat-talent tal-UE u dak globali.

L-appoġġ u l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali u internazzjonali bejn l-organizzazzjonijiet fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport huma strumentali fl-indirizzar tal-isfidi deskritti hawn fuq, ħalli l-organizzazzjonijiet ikunu jistgħu jiġbru l-għarfien espert u jikkombinaw il-punti b'saħħithom komplementari li mhumiex disponibbli fi kwalunkwe istituzzjoni unika. Il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport tħeġġeġ l-apprendiment reċiproku meħtieġ u l-iskambji ta' prattiki tajba. Din tiffaċilita wkoll in-networking, li jippermetti lill-organizzazzjonijiet u lill-persunal tagħhom jesperjenzaw approċċi u metodoloġiji ġodda u jżidu l-kapaċità tagħhom stess li jipprovdu tagħlim, taħriġ u apprendiment ta' kwalità għolja. Sabiex tiżdied l-effettività tal-azzjoni tiegħu f'dan il-qasam, il-Programm għandu jirfina l-enfasi tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni tiegħu, inkluż billi jirrieżamina l-mudelli ta' finanzjament, iżid ir-rilevanza tal-gruppi fil-mira involuti u jiffoka aħjar fuq iż-żieda tal-bini tal-kapaċitajiet u t-titjib tal-kwalità. Il-Programm għandu jsaħħaħ l-appoġġ tiegħu għall-kooperazzjoni fis-settur tal-iskejjel billi jappoġġa l-alleanzi tal-iskejjel, jindirizza l-ostakli għall-kooperazzjoni u l-mobbiltà u jkompli joffri opportunitajiet li jippermettu l-introduzzjoni tat-tikketta tal-lawrja Ewropea u l-possibbiltà ta' lawrja konġunta Ewropea biex tiġi appoġġata ż-żieda fl-għadd ta' programmi ta' studju konġunti tranżnazzjonali.

Il-Programm se jippermetti aktar kooperazzjoni tranżnazzjonali strateġika fit-tul fil-livell istituzzjonali fl-ambitu ta' inizjattivi ewlenin, li jservu bħala siti tal-ittestjar għal strumenti innovattivi li japprofondixxu r-rabtiet mas-settur privat u jixprunaw l-impatt u t-trasformazzjoni sostenibbli. Permezz tal-għoti ta' appoġġ sostenibbli u direzzjoni strateġika ċara, is-sħubijiet għall-eċċellenza u l-innovazzjoni se jindirizzaw direttament il-prijoritajiet ta' politika ġodda li jirriżultaw mill-Unjoni tal-Ħiliet, il-Boxxla għall-Kompetittività[13], il-Patt għal Industrija Nadifa[14], u l-Istrateġija tal-Preparatezza[15].

Il-Programm se jappoġġa l-iżvilupp tal-politika fil-livell Ewropew billi jgħin fit-tfassil ta' politiki li jistgħu jiskattaw il-modernizzazzjoni u r-riformi, fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u tas-sistemi, fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll f'dawk taż-żgħażagħ u l-isport. Dan jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp u ċ-ċirkolazzjoni tal-ħiliet, inkluż billi jistabbilixxi skema ta'appoġġ għall-ħiliet bażiċi u jagħti spinta lill-assigurazzjoni tal-kwalità, it-trasparenza, ir-rikonoxximent tal-ħiliet, tal-kompetenzi u tal-kwalifiki, u d-diġitalizzazzjoni tagħhom, il-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali, il-ġestjoni tal-ħiliet u l-gwida. Barra minn hekk, il-Programm għandu jżid l-impatt, l-iskala, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà b'mod partikolari billi jsaħħaħ is-sinerġiji ma' programmi u strumenti oħra ta'

---

[13] Il-Komunikazzjoni "Boxxla għall-Kompetittività għall-UE", COM(2025) 30.

[14] Il-Komunikazzjoni "Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u ddekarbonizzazzjoni", COM(2025) 85.

[15] Il-Komunikazzjoni Konġunta "dwar l-Istrateġija Ewropea ta' Unjoni tal-Preparatezza", JOIN(2025) 130.

finanzjament tal-Unjoni bħall-programm qafas li jmiss tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni, Orizzont Ewropa, il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Ewropa Globali, kif ukoll il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali fl-ambitu tal-QFP li jmiss.

Id-dimensjoni internazzjonali tal-Programm hija element fundamentali u trażversali li huwa rilevanti għall-apprendiment u l-kooperazzjoni, kif ukoll għad-djalogu ta' politika. Huwa meħtieġ, b'mod partikolari, li l-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali jitqarrbu aktar lejn l-għan tagħhom li jsiru Stati Membri tal-UE permezz tal-involviment tagħhom fil-Programm, inkluż billi tiġi ffaċilitata l-assoċjazzjoni tagħhom ma' inizjattivi ewlenin tal-UE bħaż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u l-Unjoni tal-Ħiliet. Hemm ukoll il-ħtieġa li jiġu appoġġati l-prijoritajiet ta' strumenti oħra bħall-Ewropa Globali, b'mod partikolari fir-rigward tal-istrateġija Global Gateway.

Il-Programm għandu jiġi ssimplifikat u jsir aktar aċċessibbli għal udjenza usa' li tinkludi organizzazzjonijiet iżgħar u b'inqas esperjenza, b'mod partikolari billi jitneħħew xi sfidi billi jinbidel il-mod ta' ġestjoni ta' xi azzjonijiet, u b'hekk dawn jitqarrbu lejn il-qasam. Il-Programm se jsir aktar rilevanti, attraenti u inklużiv, fejn se ssir enfasi fuq kif jintlaħqu l-istudenti b'inqas opportunitajiet permezz ta' aktar miżuri biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom u attivitajiet li jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet tagħhom.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-politika**

Il-proposta hija allinjata bis-sħiħ mal-**Unjoni tal-Ħiliet**, strateġija globali li tiffoka fuq l-investiment, l-apprendiment għall-adulti u tul il-ħajja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET, vocational education and training), iż-żamma u r-rikonoxximent tal-ħiliet, u t-titjib tal-informazzjoni dwar il-ħiliet. Din tistabbilixxi l-qafas għall-kooperazzjoni tal-UE fil-politiki tal-edukazzjoni u l-ħiliet, filwaqt li tappoġġa l-iżvilupp tal-kapital uman tal-UE biex tissaħħaħ il-kompetittività tagħha. Il-proposta tappoġġa l-Unjoni tal-Ħiliet billi twettaq l-objettivi tagħha, inkluż il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħiliet Bażiċi u l-Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM. Dawn għandhom l-għan li jtejbu l-ħiliet bażiċi, jipprovdu opportunitajiet ta' apprendiment tul il-ħajja, u jattiraw u jżommu l-ħiliet u t-talenti meħtieġa fl-ekonomija Ewropea. Barra minn hekk, il-Programm se jappoġġa l-implimentazzjoni tal-**kooperazzjoni strateġika Ewropea kumplessiva fl-edukazzjoni u t-taħriġ**, inklużi **l-aġendi settorjali sottostanti** tagħha fl-oqsma tal-edukazzjoni skolastika, l-edukazzjoni għall-adulti, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-edukazzjoni għolja.

Il-proposta hija konsistenti mal-objettivi taż-**Żona Ewropea tal-Edukazzjoni** (EEA), li tistabbilixxi l-pedament għall-formazzjoni tal-ħiliet tul il-ħajja u tappoġġa l-kooperazzjoni u l-apprendiment bejn il-pari bejn il-pajjiżi. L-EEA tippromwovi edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja u inklużivi għal kulħadd, tiffaċilita r-rikonoxximent reċiproku tal-eżiti tal-apprendiment bejn il-fruntieri, u tappoġġa l-mobbiltà tal-istudenti ta' kull età. Il-**Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali**, parti mill-EEA, ikompli jappoġġa l-iżvilupp tal-edukazzjoni diġitali fl-Istati Membri tal-UE u jħejji lin-nies bil-ħiliet u l-kompetenzi diġitali meħtieġa għat-trasformazzjoni diġitali. Il-proposta tallinja wkoll mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill "**Ewropa Attiva**", element kostitwenti tal-EEA, biex tippermetti l-mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd.

Il-proposta hija konformi wkoll mal-**Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ**[16], il-qafas ta' politika fil-qasam taż-żgħażagħ għall-2019–2027, strutturat abbażi tal-pilastri tal-Involviment,

[16] Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ 2019-2027 (ĠU C 456, 18.12.2018).

il-Konnessjoni u l-Għoti tas-Setgħa. Għandha l-għan li trawwem il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika u fl-involviment soċjali u ċiviku, filwaqt li tiżgura li ż-żgħażagħ kollha jkollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jieħdu sehem fis-soċjetà.

Fil-qasam tal-isport, il-proposta hija allinjata mal-objettivi **tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport**[17] (2024–2027), li jiddeskrivi approċċ strateġiku li jirrikonoxxi r-rwol tal-isport fil-koeżjoni soċjali, il-promozzjoni tal-benesseri, il-bini ta' komunitajiet inklużivi, u t-tisħiħ tar-rabtiet kulturali u tas-solidarjetà fost in-nies. Il-pjan ta' ħidma jagħti prijorità lill-integrità, is-sostenibbiltà u l-inklużjoni soċjali fil-kuntesti sportivi, filwaqt li jħeġġeġ il-kooperazzjoni transfruntiera u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki.

Il-Programm se jikkontribwixxi wkoll għall-Aġenda 2030 tan-NU **għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli**, b'mod partikolari għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 4 biex tiġi żgurata edukazzjoni ta' kwalità li tkun inklużiva u ekwa u jiġu promossi l-opportunitajiet ta' apprendiment tul il-ħajja għal kulħadd.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-inizjattiva hija allinjata mal-prijoritajiet ta' politika globali tal-Kummissjoni għall-2024–2029[18], jiġifieri 1) nappoġġaw lin-nies, insaħħu s-soċjetajiet tagħna u l-mudell soċjali tagħna; 2) nipproteġu d-demokrazija tagħna, inħarsu l-valuri tagħna; 3) il-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tal-Ewropa; 4) era ġdida għad-Difiża u s-Sigurtà Ewropea 5) Ewropa globali u 6) insostnu l-kwalità tal-ħajja tagħna: sigurtà alimentari, ilma u natura. Se tikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u territorjali u l-ġustizzja interġenerazzjonali fi ħdan l-UE.

17 Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (1 ta' Lulju 2024 – 31 ta' Diċembru 2027), (ĠU C, C/2024/3527, 3.6.2024).

18 https://commission.europa.eu/priorities-2024-2029_mt.

**Sinerġiji ma' politiki li jappoġġaw lin-nies u li jsaħħu s-soċjetajiet u l-mudell soċjali tagħna**

Il-Programm se jikkontribwixxi biex il-prinċipji **tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**[19] jitpoġġew fil-prattika u jiġu implimentati l-inizjattivi ewlenin **tal-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa**[20], ħalli jgħin lill-individwi u lin-negozji jiżviluppaw aktar ħiliet u ħiliet aħjar u jużawhom, inkluż il-Patt għall-Ħiliet li għandu l-għan li jimmobilizza u jinċentiva lill-partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi rilevanti biex jissieħbu u jieħdu azzjoni għall-iżvilupp tal-ħiliet tul il-ħajja. Il-Programm se jkun konformi wkoll mal-**Istrateġija Ewropea futura dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali**, li għandha l-għan li żżid l-attraenza, l-eċċellenza u l-inklużività tal-VET. Fil-Programm se tingħata attenzjoni partikolari għall-promozzjoni tal-**ugwaljanza bejn il-ġeneri**, pereżempju l-parteċipazzjoni tal-bniet u n-nisa fl-iSTEM, inkluż permezz tal-approċċ tax-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija, l-Arti u l-Matematika (STEAM, Science, Technology, Engineering, Arts and Mathematics), f'konformità wkoll mal-**Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa** u l-**Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri**. Il-Programm se jindirizza wkoll id-differenzi fir-rigward tal-aċċess u l-użu mill-gruppi sottorappreżentati, bħala parti minn **Unjoni tal-Ugwaljanza**, f'konformità mal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, l-**Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ**, il-**Pjan ta' Azzjoni għall-Ġlieda kontra r-Razziżmu** u l-**Qafas Strateġiku għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni**[21]. Barra minn hekk, il-proposta hi konformi mal-**Garanzija Ewropea għat-Tfal**, u mal-**Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-tfal**, qafas komprensiv għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal kollha.

**Sinerġiji ma' azzjonijiet lijipproteġu d-demokrazija tagħna u jħarsu l-valuri tagħna**

Il-Programm u b'mod partikolari l-enfasi tiegħu fuq il-mobbiltà tal-apprendiment, anke f'età iżgħar, se jkomplu jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' sens ta' identità Ewropea, impenn għall-valuri tal-UE u għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni demokratika u tas-soċjetà, f'konformità mat-**Tarka Ewropea għad-Demokrazija** li jmiss li se tipprovdi qafas strateġiku għas-salvagwardja, it-tisħiħ u l-promozzjoni tad-demokrazija fl-UE, b'enfasi fuq iż-żgħażagħ. Il-Programm se jipprovdi lill-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll taż-żgħażagħ u l-isport ir-riżorsi biex jinkorporaw aħjar l-edukazzjoni ċivika u jiżviluppaw il-ħiliet kollha meħtieġa (eż. il-ħsieb kritiku, il-litteriżmu medjatiku, il-ħiliet diġitali), fl-apprendiment tul il-ħajja, sabiex in-nies ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv u responsabbli fis-soċjetajiet tagħna. Il-Programm se jappoġġa wkoll il-ħolqien ta' opportunitajiet u mekkaniżmi għal parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażagħ, inkluż fid-dibattiti u fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

**Sinerġiji ma' azzjonijiet għall-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tal-Ewropa**

---

19 B'mod partikolari l-ewwel prinċipju (Kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi) u r-raba' prinċipju (Kulħadd għandu d-dritt għal assistenza f'waqtha u mfassla apposta biex jittejbu l-opportunitajiet ta' impjieg jew il-prospetti ta' impjieg indipendenti, inkluż id-dritt li wieħed jirċievi appoġġ għal taħriġ u kwalifikazzjoni mill-ġdid).

20 L-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, COM(2020) 274.

21 Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021–2030, COM(2021) 101; Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025, COM(2020) 698; Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025, COM(2020) 565; Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni 2020-2030, COM(2020) 620.

Il-Programm se jappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli bħala kontribuzzjoni għall-kompetittività tal-Unjoni, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "**Boxxla għall-Kompetittività tal-UE**"[22]. Barra minn hekk, se jkun kompletament konformi mal-pilastru tal-**Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku** tal-2023 dwar il-ħiliet ekoloġiċi u diġitali[23], il-**Patt għal Industrija Nadifa[24]** tal-2025, il-**Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli[25]** li jirriżulta, li jappella biex jissaħħu l-ħiliet f'setturi strateġiċi bħall-enerġija, u l-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA u l-istrateġija għall-applikazzjoni tal-IA, kif ukoll il-pilastru tal-**Patt Ewropew għall-Oċeani[26]** dwar il-progress fir-riċerka, fl-għarfien, fil-ħiliet u fl-innovazzjoni tal-oċeani. Il-proposta hija konformi wkoll mal-**Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti**[27] li tipprevedi strateġija għall-UE kollha dwar il-litteriżmu finanzjarju.

**Sinerġiji ma' azzjonijiet relatati mad-difiża u s-sigurtà**

F'konformità **mal-Istrateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza**, Erasmus+ se jippromwovi l-preparatezza, ir-reżiljenza, l-edukazzjoni ċivika, l-involviment tas-soċjetà u dak demokratiku permezz ta' approċċ axxendenti, filwaqt li jħeġġeġ lill-organizzazzjonijiet u lill-istituzzjonijiet japplikaw għall-finanzjament u jippromwovu l-litteriżmu diġitali u medjatiku, il-ħsieb kritiku, l-involviment ċiviku, il-valuri demokratiċi u l-apprendiment ċiviku. Il-volontarjat huwa essenzjali wkoll fit-trawwim ta' kultura ta' preparatezza inklużiva u reżiljenza tas-soċjetà. Il-proposta hija allinjata wkoll mal-Komunikazzjoni dwar **Viżjoni għal Ekonomija Spazjali Ewropea[28]**, li tikkontribwixxi għall-akkwist tal-ħiliet rilevanti speċifiċi għas-settur.

**Sinerġiji mal-politiki għal Ewropa globali**

Il-Programm futur se jikkomplementa l-azzjonijiet iffinanzjati permezz tal-Ewropa Globali. Barra minn hekk, dan se jikkontribwixxi biex jattira t-talent globali u jsaħħaħ l-influwenza u l-attraenza tal-UE fix-xena dinjija, bħala sieħeb fdat. Il-programm Erasmus+ futur se jinkludi l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi u l-appoġġ għal sħubijiet internazzjonali, biex jingħata lok għal sinerġiji u kontribuzzjoni għall-politiki tal-UE dwar l-azzjoni esterna.

**Sinerġiji mal-politiki dwar is-sostenn tal-kwalità tal-ħajja tagħna: sigurtà alimentari, ilma u natura**

Il-proposta hija allinjata wkoll mal-prijorità "insostnu l-kwalità tal-ħajja tagħna: sigurtà alimentari, ilma u natura" u mal-**Viżjoni għall-agrikoltura u għall-ikel[29]** li tikkontribwixxi għall-akkwist tal-ħiliet meħtieġa f'setturi ewlenin li jippermettu l-bini ta' sistema agrikola u tal-ikel kompetittiva u reżiljenti jew is-salvagwardja tal-bijodiversità tagħna.

---

22 Boxxla għall-Kompetittività tal-UE, COM(2025) 30.
23 Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti, COM(2023) 62.
24 Il-Patt għal Industrija Nadifa, COM(2025) 85.
25 Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli, COM(2025) 79.
26 Il-Patt Ewropew għall-Oċeani, COM(2025) 281.
27 Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, COM(2025) 124.
28 Viżjoni għall-Ekonomija Spazjali Ewropea, COM(2025) 0336.
29 Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM(2025) 75.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-programm Erasmus+ fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport huwa ġġustifikat abbażi tal-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Dawn jagħtu lill-Unjoni kompetenza ta' appoġġ biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità, l-implimentazzjoni ta' politika tat-taħriġ vokazzjonali, l-iżvilupp ta' skambji taż-żgħażagħ u t-tħeġġiġ tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika fl-Ewropa kif ukoll il-promozzjoni ta' kwistjonijiet sportivi Ewropej. Billi testendi l-ambitu tagħha biex tipprovdi appoġġ għall-attivitajiet ta' solidarjetà li jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà u l-operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja f'pajjiżi terzi, il-proposta hija bbażata wkoll fuq l-Artikolu 214(5) tat-TFUE li jirrikjedi l-istabbiliment ta' Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja, qafas għal kontribuzzjonijiet konġunti miż-żgħażagħ Ewropej għall-operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja tal-Unjoni u r-regoli u l-proċeduri għall-operat tal-Korp.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Filwaqt li l-Istati Membri jibqgħu responsabbli għall-kontenut u l-organizzazzjoni tal-politiki tagħhom fl-oqsma kkonċernati, l-isfidi identifikati huma komuni għall-Istati Membri kollha u/jew għandhom dimensjoni tranżnazzjonali sinifikanti, li teħtieġ soluzzjonijiet, koordinazzjoni u appoġġ fil-livell tal-UE li għandhom jiġu indirizzati b'mod effettiv. L-azzjonijiet tal-UE jistgħu jiffaċilitaw il-kooperazzjoni, il-bini tal-kapaċitajiet, u l-apprendiment reċiproku kif ukoll l-attivitajiet transfruntieri, u fl-aħħar mill-aħħar jottimizzaw il-potenzjal tas-setturi kkonċernati.

Il-Programm għandu l-għan li jsaħħaħ il-mobbiltà tranżnazzjonali u l-bini tal-kapaċitajiet permezz tal-kooperazzjoni u jappoġġa l-iżviluppi tal-politika b'dimensjoni Ewropea. Madankollu, minħabba n-natura tranżnazzjonali, il-volum għoli, u l-ambitu ġeografiku wiesa' tal-attivitajiet appoġġati, kif ukoll id-dimensjoni internazzjonali b'saħħitha tagħhom, dawn l-objettivi ma jistgħux jinkisbu b'mod adegwat mill-Istati Membri waħedhom. Pereżempju, huwa aktar kumpless li l-mobbiltà tal-apprendiment jew il-volontarjat transfruntieri jiġu organizzati fuq bażi bilaterali u huwa diffiċli għall-Istati Membri individwali biex jagħmluhom aċċessibbli għal kulħadd. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' Erasmus+ uriet li għalkemm effettivi fil-livell nazzjonali, l-inizjattivi uniċi minn organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport jew mill-Istati Membri ma għandhomx l-iskala u l-volum meħtieġa biex jiksbu impatt mal-Ewropa kollha. Barra minn hekk, il-kopertura kumulattiva tal-inizjattivi transsettorjali u tal-pajjiżi individwali għadha limitata meta mqabbla mal-programm Erasmus+ attwali. Bl-istess mod, l-evalwazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà tikkonferma li dan għandu rwol essenzjali u, f'xi pajjiżi, huwa l-unika opzjoni għall-volontarjat u s-solidarjetà fost iż-żgħażagħ.

Barra minn hekk, billi jestendi l-ambitu tal-Programm biex ikopri l-attivitajiet ta' volontarjat, inkluż bl-integrazzjoni tal-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja, Erasmus + se joffri punt ta' dħul uniku għall-opportunitajiet tal-UE għaż-żgħażagħ fl-Unjoni kollha u lil hinn minnha. Bħalissa dawn huma aċċessibbli biss permezz ta' skemi distinti. Għalhekk, Erasmus+ se jiżgura li ż-żgħażagħ kollha fl-Unjoni kollha jkollhom opportunitajiet indaqs għal varjetà usa' ta' attivitajiet, u li jkollhom aċċess aktar faċli għalihom. L-integrazzjoni tal-opportunitajiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fl-ambitu ta' Erasmus+ se tgħin ukoll biex titejjeb is-sensibilizzazzjoni dwar l-opportunitajiet disponibbli għaż-żgħażagħ u għall-organizzazzjonijiet li jaħdmu magħhom u tagħtihom viżibbiltà akbar.

Il-valur miżjud tal-finanzjament tal-UE fl-oqsma ta' politika koperti mill-Programm ġie rikonoxxut b'mod wiesa' mir-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika miftuħa mwettqa mill-Kummissjoni għall-QFP il-ġdid, bil-maġġoranza l-kbira tenfasizza l-importanza tiegħu.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta tkopri s-setturi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ — l-edukazzjoni skolastika, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni għall-adulti — kif ukoll iż-żgħażagħ, il-volontarjat u l-isport b'mod iffukat u razzjonalizzat. Din issaħħaħ l-azzjonijiet ippruvati u ttestjati, li l-impatt tagħhom intwera mill-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu ta' Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. L-azzjonijiet eżistenti, inkluż l-azzjonijiet ta' Erasmus+ u dawk integrati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se jiġu razzjonalizzati. B'hekk se jitnaqqsu d-duplikazzjonijiet u jiġu ffukati mill-ġdid, filwaqt li jitqiesu r-riżultati tal-evalwazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati. L-użu ta' formati flessibbli se jiġi promoss kontinwament biex titwessa' l-firxa tal-Programm.

Għadd limitat ta' azzjonijiet ġodda se jiġu introdotti biex jindirizzaw sfidi u prijoritajiet ta' politika ġodda (bħall-Alleanzi tal-Iskejjel Ewropej u l-boroż ta' studju ta' Erasmus+ f'oqsma strateġiċi). Dawn il-miżuri jitqiesu wkoll bħala l-aktar xierqa biex il-Programm isir aktar inklużiv u effettiv.

Il-bidliet proposti huma bbażati fuq l-arkitettura eżistenti tal-programm, iżommu l-istess tipi ta' intervent li jindirizzaw l-individwi, l-organizzazzjonijiet u s-sistemi, u għandhom l-għan li jtejbu u jżidu l-impatt tat-tnedija tal-Programm, bl-użu tal-mekkaniżmi eżekuttivi effettivi eżistenti tal-programm predeċessur. Għalhekk, din l-inizjattiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu l-objettivi segwiti.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET RETROSPETTIVI, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet retrospettivi/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

*Erasmus+*

L-evalwazzjoni finali tal-programm 2014–2020 u l-evalwazzjoni interim tal-programm 2021–2027[30] sabu li Erasmus+ sejjer tajjeb ħafna fil-kriterji ta' evalwazzjoni ewlenin u jissodisfa l-objettivi tiegħu b'mod effettiv. Iż-żewġ ġenerazzjonijiet tal-programm irnexxielhom jiksbu valur miżjud Ewropew b'saħħtu, u kellhom rwol ewlieni fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll f'dawk taż-żgħażagħ u l-isport.

Minkejja l-impatt negattiv tal-pandemija tal-COVID-19, Erasmus+ appoġġa l-mobbiltà tal-apprendiment barra mill-pajjiż ta' aktar minn 6,2 miljun parteċipant fil-perjodu 2014–2020 u ta' madwar 1,6 miljun parteċipant fl-2021–2023, u b'hekk għenhom iżidu l-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom. Iffinanzja wkoll aktar minn 136 000 organizzazzjoni distinta fil-Programm 2014–2020 u aktar minn 77 000 waħda fl-2021–2023, filwaqt li appoġġa l-kooperazzjoni tagħhom u tejjeb il-prattiki tagħhom.

---

[30] COM(2025) 395, SWD(2025) 186, 15.07.2025

Erasmus+ jaqbeż b'mod sinifikanti dak li jista' jinkiseb mill-pajjiżi individwali fil-livelli nazzjonali jew internazzjonali. Il-benefiċċji tiegħu jirriżultaw mill-opportunitajiet li jipprovdi għall-iżvilupp personali, edukattiv u professjonali tal-istudenti u tal-persunal, għall-kooperazzjoni transfruntiera tal-organizzazzjonijiet u għall-iżvilupp tal-politika fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport. Dan jipprovdi benefiċċji sinifikanti lil dawk li jieħdu sehem fil-programm meta mqabbla ma' dawk li ma jiħdux sehem fih. Mingħajr Erasmus+, il-benefiċċji mill-Programm għall-individwi u l-organizzazzjonijiet jitnaqqsu drastikament. L-attivitajiet transfruntieri tas-setturi tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport jitnaqqsu għal kważi żero f'diversi pajjiżi, speċjalment fis-setturi taż-żgħażagħ u tal-isport. Erasmus+ jiffinanzja aktar minn nofs il-mobbiltajiet tal-krediti fl-Istati Membri, u aktar minn 90 % tal-perjodi ta' mobbiltà qasira f'nofs il-pajjiżi tal-Unjoni.

Barra minn hekk, il-programm qed jirrispondi għall-ħtiġijiet emerġenti relatati ma' sfidi ġodda maħluqa mill-iżviluppi teknoloġiċi, filwaqt li jallinja ruħu mas-setturi ta' politika u mal-prijoritajiet tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, b'mod partikolari l-ħolqien ta' intelliġenza artifiċjali ġenerattiva u l-forniment tal-ħiliet biex tiġi appoġġata l-kompetittività tal-UE. Erasmus+ qed jinvesti biex jgħin fl-iżvilupp tal-ħiliet meħtieġa ħalli jipprovdi lis-suq uniku u lis-setturi industrijali tal-Unjoni ħiliet li jibqgħu validi fil-futur biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-kompetittività, kif enfasizzat fir-rapporti ta' Draghi u Letta. Jidher li l-finanzjament tal-mobbiltà tal-apprendiment — li hija fil-qalba tal-programm — huwa kruċjali biex jiġi żgurat li l-ġenerazzjonijiet żgħażagħ jitħejjew bil-ħiliet it-tajba biex jiffaċċjaw l-isfidi maħluqa f'kuntest li qed jevolvi malajr. Barra minn hekk, il-Programm sar aktar inklużiv u żied is-sehem ta' persuni b'inqas opportunitajiet fost il-parteċipanti tiegħu, minn madwar 10 % fl-2014–2020 għal 15 % fl-2023.

Minkejja l-progress ċar, l-evalwazzjoni identifikat ostakli li għadhom jeżistu fir-rigward tal-parteċipazzjoni ta' persuni b'inqas opportunitajiet. Għalhekk, Erasmus+ għandu jkompli jindirizza l-aktar sfidi urġenti ta' aċċessibbiltà, filwaqt li jkompli jespandi l-firxa tiegħu għal parteċipanti b'inqas opportunitajiet. Jekk ikompu jiġu ċċarati d-definizzjonijiet ta' persuni b'inqas opportunitajiet u tingħata gwida aktar ċara dwar il-miżuri disponibbli biex tiġi appoġġata l-parteċipazzjoni tagħhom, ukoll tissaħħaħ l-inklużività.

Ir-rieżami tar-regoli ta' finanzjament, proċeduri ta' rapportar aktar sempliċi u r-razzjonalizzazzjoni fid-diversi azzjonijiet u oqsma għandhom jiġu vvalutati biex jiġi ssimplifikat l-aċċess għal organizzazzjonijiet żgħar u ġodda. L-evalwazzjoni identifikat ukoll il-ħtieġa li jiġi ssimplifikat il-finanzjament alternattiv, li jiġi ffaċilitat it-trasferiment ta' fondi bejn l-istrumenti u li jitneħħew l-ostakli bejn il-modi operazzjonali u r-regoli ta' finanzjament differenti biex jinbnew aktar sinerġiji bejn Erasmus+ u strumenti oħra u tiżdied l-espansjoni tal-proġetti. Dan għandu jsir ukoll permezz ta' titjib fit-tixrid tal-eżiti tal-proġetti.

L-evalwazzjoni turi l-valur miżjud internazzjonali tal-programm, essenzjali għat-trawwim tal-valuri tal-UE, l-apprendiment interkulturali, is-sensibilizzazzjoni dwar il-parteċipazzjoni ċivika u attiva iżda wkoll biex jiġi ffaċilitat l-apprendiment bejn il-pari u biex l-għarfien espert Ewropew fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport jitwassal f'reġjuni oħra.

L-evalwazzjoni ta' Erasmus+ identifikat l-opportunitajiet biex tittejjeb il-koerenza mal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u jiġu identifikati modi kif jiġu indirizzati d-duplikazzjonijiet potenzjali, tittejjeb l-effiċjenza kumplessiva u tiżdied iċ-ċarezza għall-partijiet ikkonċernati.

*Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà*

L-evalwazzjoni finali tal-programm 2018–2020 u l-evalwazzjoni interim tal-programm 2021–2027[31] sabu li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandu prestazzjoni tajba fil-ħames kriterji ta' evalwazzjoni (ir-rilevanza, l-effiċjenza, l-effettività, il-koerenza, il-valur miżjud tal-UE). Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jindirizza l-ħtiġijiet kruċjali tas-soċjetà Ewropea, billi jrawwem il-parteċipazzjoni ċivika u jippromwovi l-inklużjoni u d-diversità. Il-programm irawwem sens ta' komunità, jagħti ħajja ġdida lill-inizjattivi lokali u jippromwovi perspettiva globali usa'. Il-parteċipazzjoni tikkontribwixxi għal ħiliet personali, professjonali u ta' studju mtejba flimkien mas-sensibilizzazzjoni soċjali u ċivika. Il-programm laħaq ukoll b'mod konsistenti l-miri tiegħu dwar il-parteċipanti b'inqas opportunitajiet (30 % fl-2022 u fl-2023). L-eżiti tal-evalwazzjoni jikkonfermaw li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandu rwol essenzjali u, f'xi pajjiżi, huwa l-unika opzjoni għall-volontarjat taż-żgħażagħ u s-solidarjetà. Ġew identifikati għadd ta' oqsma għat-titjib. Ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin jinkludu (i) it-titjib tal-identifikazzjoni tal-persuni b'inqas opportunitajiet biex tiġi ffaċilitata l-inklużjoni ulterjuri tagħhom fil-programm, (ii) l-allinjament tal-objettivi u l-finanzjament tal-programm, (iii) l-indirizzar tad-differenzi fid-distribuzzjoni ġeografika tar-riżultati u l-impatti, (iv) it-titjib tal-arranġamenti tal-viża għal nazzjonali mhux tal-UE (v) it-titjib tal-għodod tal-IT u tal-monitoraġġ, u (vi) il-kjarifika tal-fini tal-fergħa tal-għajnuna umanitarja. B'mod ġenerali ntwera li l-finanzjament huwa limitat ħafna meta jitqiesu l-ambizzjonijiet u l-objettivi tal-programm. Il-Programm jikkomplementa programmi tal-UE bħal Erasmus+, iżda s-sinerġiji attwali huma kemxejn limitati, u dan jissuġġerixxi li huma meħtieġa sforzi aktar strutturati.

**Qasam potenzjali ta' duplikazzjoni** li enfasizzat l-evalwazzjoni jikkonċerna l-attivitajiet ta' Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ ta' Erasmus+ u l-proġetti ta' solidarjetà ffinanzjati fl-ambitu tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. It-tnejn li huma jappoġġaw inizjattivi mmexxija miż-żgħażagħ u organizzati minn gruppi informali ta' żgħażagħ, li jrawmu ċ-ċittadinanza attiva u sens ta' inizjattiva. Il-proġetti ta' solidarjetà għandhom komponent ta' solidarjetà aktar b'saħħtu, li fil-biċċa l-kbira jappoġġa attivitajiet ta' solidarjetà lokali axxendenti bil-ħsieb li jindirizzaw l-isfidi ewlenin fi ħdan il-komunitajiet li jgħixu fihom iż-żgħażagħ li jwettqu l-proġett. Madankollu, il-ħafna oqsma ta' azzjoni komuni jissuġġerixxu l-ħtieġa li ssir riflessjoni dwar duplikazzjonijiet potenzjali. L-attivitajiet ta' appoġġ li għandhom l-għan li jżidu l-implimentazzjoni ta' kwalità taż-żewġ programmi wkoll huma eżempji ta' duplikazzjonijiet possibbli. Iż-żewġ attivitajiet jitmexxew mill-istess aġenziji nazzjonali, attivi fil-qasam taż-żgħażagħ, u jiffinanzjaw attivitajiet simili ħafna, li jilħqu gruppi fil-mira li spiss ikunu l-istess. Dawn l-attivitajiet jirrappreżentaw opportunitajiet għal sinerġiji bejn il-programmi, u jistgħu jiġu eżaminati wkoll għal ekonomiji ta' skala u effiċjenza mtejba.

Bħala konklużjoni, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jikkomplementa l-programm Erasmus+ billi joffri esperjenzi ta' volontarjat u solidarjetà liż-żgħażagħ barra mill-oqfsa tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali. Kemm l-evalwazzjonijiet ta' Erasmus+ kif ukoll tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jikkonfermaw is-suċċess tal-programmi u jenfasizzaw l-effettività tagħhom. Filwaqt li ma ġiet identifikata l-ebda kwistjoni strutturali jew ta' implimentazzjoni ewlenija, huwa rrakkomandat li jkomplu jiġu segwiti s-simplifikazzjoni u l-inklużjoni, tissaħħaħ id-dimensjoni internazzjonali, u jiġu indirizzati d-duplikazzjonijiet u s-sinerġiji bejn iż-żewġ programmi.

L-istrument futur għalhekk se jkun ibbażat fuq dawn is-suċċessi u l-punti b'saħħithom. Dan se jindirizza aħjar l-isfidi tal-UE relatati mal-prosperità u l-kompetittività sostenibbli, in-nuqqas ta' ħiliet, l-inklużjoni soċjali u d-demokrazija, iżda anke r-rekwiżit għal inklużjoni akbar, impatt aktar b'saħħtu u aktar simplifikazzjoni.

31 COM(2025) 144 final, SWD(2025) 75, 1.4.2025.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-attivitajiet ta' konsultazzjoni saru bejn Marzu 2024 u Mejju 2025 u tfasslu biex jiġbru l-kontribut minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati. Dawn l-attivitajiet kienu jikkonsistu f'konsultazzjoni pubblika miftuħa, żewġ sessjonijiet ta' ħidma mal-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji nazzjonali, konferenza fuq skala kbira tal-partijiet ikkonċernati (mal-awtoritajiet nazzjonali, l-aġenziji nazzjonali, l-organizzazzjonijiet umbrella, il-benefiċjarji u l-parteċipanti tal-programm Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà kif ukoll rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-UE) u konsultazzjonijiet inċidentali.

**Il-konsultazzjoni pubblika miftuħa** saret bejn it-12 ta' Frar u s-7 ta' Mejju 2025, u ġabret 5 845 tweġiba. Hija infurmat il-valutazzjoni tal-impatt għall-programmi tal-UE fl-oqsma tal-edukazzjoni transfruntiera, iż-żgħażagħ, il-kultura, il-media, il-valuri u s-soċjetà ċivili fl-ambitu tal-QFP ta' wara l-2027.

It-tweġibiet żvelaw affermazzjoni ċara tar-rwol kontinwu tal-UE fit-trawwim tal-kooperazzjoni transfruntiera u fl-appoġġ tal-objettivi demokratiċi u soċjali. Fost it-tweġibiet, "appoġġ għal studju/taħriġ barra mill-pajjiż" ġie kklassifikat bħala "importanti ħafna" minn 81 % taċ-ċittadini u 70 % tal-organizzazzjonijiet. Din il-prijorità spiss kienet marbuta mat-tema usa' tal-investiment fit-tul fil-ħiliet, l-impjegabbiltà, u l-identità Ewropea. Ir-rispondenti rabtu l-mobbiltà tal-apprendiment mhux biss mal-benefiċċji edukattivi, iżda wkoll mal-integrazzjoni soċjali, l-involviment ċiviku, u t-tħejjija għas-suq tax-xogħol. Ħafna rreferew għar-rwol tal-finanzjament tal-UE fl-appoġġ tal-iskambji tal-istudenti, it-taħriġ vokazzjonali, l-apprendiment tal-lingwi, u s-sħubijiet transfruntieri bħala lievi għall-iżvilupp ta' soċjetà aktar inklużiva u kompetittiva. Bl-istess mod, "il-protezzjoni tad-demokrazija, il-promozzjoni tal-istandards demokratiċi" rċeviet appoġġ ta' 80 % fost iċ-ċittadini u ta' 72 % fost l-organizzazzjonijiet, li juri konverġenza għolja bejn il-partijiet ikkonċernati individwali u istituzzjonali.

L-involviment taż-żgħażagħ spikka bħala karatteristika b'saħħitha tal-konsultazzjoni. Kważi 50 % tar-rispondenti ċittadini kellhom inqas minn 30 sena, u dan il-grupp ta' età esprima b'mod konsistenti appoġġ qawwi għall-finanzjament ta' inizjattivi li jippromwovu l-involviment demokratiku, l-ugwaljanza, il-mobbiltà u l-kooperazzjoni ċivika. Il-feedback tagħhom allinja tajjeb mal-oqsma ta' prijorità strateġiċi tal-Kummissjoni għaż-żgħażagħ, inklużi dawk enfasizzati fl-ambitu l-inizjattiva tal-Verifika taż-Żgħażagħ. Barra minn hekk, l-involviment tagħhom wera livell għoli ta' sensibilizzazzjoni u investiment fl-elementi bbażati fuq il-valuri u dawk transfruntieri tal-programmazzjoni tal-UE.

It-tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika miftuħa kkonfermaw ukoll li l-finanzjament tal-UE jipprovdi valur miżjud meta mqabbel mal-finanzjament fil-livell nazzjonali, lokali jew reġjonali fl-oqsma li kopra. Pereżempju, 79 % tar-rispondenti dehrilhom li "Il-protezzjoni tad-demokrazija u l-promozzjoni tal-istandards demokratiċi" huwa qasam fejn fil-biċċa l-kbira, il-finanzjament tal-UE jipprovdi valur miżjud.

Meta ntalbu jevalwaw l-ostakli li jipprevjenu l-baġit tal-UE milli jwettaq bis-sħiħ l-objettivi tiegħu fl-oqsma ta' politika, ir-rispondenti ġeneralment kienu ssodisfati bl-isforz tal-Kummissjoni għal żieda fl-effiċjenza rigward il-finanzjament, iżda mhux għad-detriment tal-"identità" u l-"fiduċja", jew għall-preservazzjoni taċ-ċarezza tematika u s-sjieda tal-partijiet ikkonċernati. Ir-riżultati kwantitattivi juru li l-aktar ostakli msemmija ta' spiss fost il-gruppi kollha kienu l-piż amministrattiv (identifikat minn 52 % taċ-ċittadini u 58 % tal-organizzazzjonijiet) u regoli ta' konformità kumplessi u speċifiċi għall-fondi (50 % taċ-ċittadini u 53 % tal-organizzazzjonijiet). Dawn il-kwistjonijiet jirriflettu t-tħassib mhux biss dwar il-kumplessità regolatorja iżda wkoll dwar il-frammentazzjoni bejn l-istrumenti u l-ineffiċjenzi fit-twettiq. Ostakli addizzjonali kienu jinkludu nuqqas ta' flessibbiltà għar-

riallokazzjoni tar-riżorsi b'rispons għall-ħtiġijiet emerġenti (32 % taċ-ċittadini u 32 % tal-organizzazzjonijiet), dewmien fl-implimentazzjoni tal-programm u fl-iżborż tal-finanzjament, u komunikazzjoni jew ċarezza insuffiċjenti dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament. L-awtoritajiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs, non-governmental organisations) enfasizzaw b'mod partikolari d-dewmien bħala sors ta' tnaqqis fl-impatt u fil-kredibbiltà lokali.

**Il-konsultazzjonijiet l-oħra** żvelaw ukoll appoġġ unanimu għat-tkomplija u t-titjib ta' Erasmus+ u l-opportunitajiet offruti fl-ambitu tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà filwaqt li enfasizzaw ir-rwol vitali tagħhom fit-trawwim tal-valuri tal-UE, l-appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetittività. Il-partijiet ikkonċernati saħqu fuq il-ħtieġa tal-istabbiltà tal-programm f'termini tal-arkitettura kumplessiva u l-mekkaniżmi eżekuttivi u li l-mobbiltà tinżamm fil-qalba tal-programm. Il-feedback jisħaq ukoll fuq il-valur tal-azzjonijiet ewlenin, bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali, u l-Akkademji tal-Għalliema ta' Erasmus+ u l-importanza li jsir investiment fihom.

F'termini tal-isfidi ewlenin li qed jiffaċċja l-programm futur, id-data miġbura turi li filwaqt li l-partijiet ikkonċernati huma ssodisfati bil-miżuri ta' simplifikazzjoni introdotti fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali, hemm lok għal aktar titjib f'dak il-qasam bħas-simplifikazzjoni tar-regoli tal-programm u t-tnaqqis ulterjuri tal-piż amministrattiv. Il-konsultazzjonijiet enfasizzaw l-impenn akbar min-naħa tal-partijiet ikkonċernati biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' individwi b'inqas opportunitajiet u l-ħtieġa li tkompli tissaħħaħ id-dimensjoni ta' inklużjoni b'saħħitha tal-programm, billi l-gruppi fil-mira l-aktar żvantaġġati jintlaħqu b'mod effettiv u tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' bażi u ta' parteċipanti ġodda. Xi partijiet ikkonċernati appellaw ukoll biex jiġi ssimplifikat l-aċċess u jittaffa l-piż amministrattiv permezz ta' bidla fil-mod ta' ġestjoni — minn ġestjoni diretta għal ġestjoni indiretta — għal ċerti azzjonijiet bħal Jean Monnet f'oqsma oħra għajr l-edukazzjoni għolja u s-sħubijiet għall-kooperazzjoni fil-qasam tal-isport.

Barra minn hekk, il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw l-importanza ta' sinerġiji li jistgħu jiġu ffaċilitati bejn l-istrumenti differenti tal-UE. Dan jinkludi koordinazzjoni mtejba mill-Kummissjoni Ewropea fil-livell Ewropew. Kien hemm sejħa għal dimensjoni internazzjonali b'saħħitha, żieda u titjib fil-komunikazzjoni u fl-informazzjoni, valutazzjoni tal-impatt kif ukoll għall-ġbir u l-użu tad-data.

B'mod kumplessiv, il-partijiet ikkonċernati pprovdew kontribut siewi dwar kif għandu jintuża l-progress li sar u jiġu indirizzati l-isfidi li fadal biex jiġi żgurat is-suċċess fit-tul tal-opportunitajiet ta' Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

- **Għarfien espert estern**

Il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu ta' Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, li kienu jiddependu fuq l-għarfien espert ta' kuntratturi esterni, kif ukoll fuq studji rieżaminati oħra u rapporti esterni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta kienet soġġetta għal valutazzjoni tal-impatt, li twettqet bħala parti mit-tħejjijiet għall-QFP li jmiss. Din kopriet il-fondi tal-UE li jappoġġaw l-edukazzjoni, it-taħriġ u s-solidarjetà transfruntieri, iż-żgħażagħ, il-media, il-kultura, u s-setturi kreattivi, il-valuri, u s-soċjetà ċivili.

Fil-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni esplorat diversi opzjonijiet ta' politika alternattivi biex tindirizza l-isfidi tas-setturi koperti mill-cluster u ddeterminat liema opzjoni serviet aħjar

l-oqsma ta' politika u l-prijoritajiet tal-Kummissjoni. L-opzjonijiet differenti kienu jeskludu lil xulxin. Opzjoni waħda kienet li l-programmi eżistenti ta' Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jitkomplew bħala programmi awtonomi, filwaqt li jiġi introdott xi titjib inkrementali. It-tieni opzjoni kienet tikkonsisti fit-tlaqqigħ flimkien ta' Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, żewġ programmi li għandhom objettiv ewlieni komuni li jikkontribwixxu għall-apprendiment tul il-ħajja ta' kwalità għolja, isaħħu l-ħiliet u l-kompetenzi ewlenin għal kulħadd, għall-ħajja u għall-impjiegi, filwaqt li jippromwovu l-involviment tas-soċjetà u l-edukazzjoni ċivika, is-solidarjetà u l-inklużjoni soċjali. It-tielet opzjoni kienet l-integrazzjoni sħiħa tal-politiki li bħalissa huma koperti minn Erasmus+ u mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, u dawk koperti mill-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV, Citizens, Equality, Rights and Values) u Ewropa Kreattiva fl-ambitu ta' strument uniku.

Ġew ikkunsidrati wkoll alternattivi oħra iżda twarrbu fi stadju bikri. Waħda mill-alternattivi kienet id-diskontinwità tal-finanzjament tal-Unjoni fl-oqsma li bħalissa huma koperti minn Erasmus+ u mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, iżda ġiet irrifjutata minħabba l-importanza tal-problemi li jaffettwaw is-setturi kkonċernati, il-prominenza mogħtija lil dawn il-politiki fil-linji gwida politiċi u l-valur miżjud tal-intervent tal-Unjoni, mirfuda mill-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu rispettivi.

L-impatt potenzjali ewlieni tat-tliet opzjonijiet magħżula (il-kontinwità, l-integrazzjoni sħiħa, u l-fużjoni bbażata fuq l-objettivi) ġie analizzat skont id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali tagħhom. Fejn rilevanti, l-analiżi kopriet ukoll il-kostijiet u l-benefiċċji, l-impatti fuq il-kompetittività u n-negozji żgħar u fuq id-diġitalizzazzjoni, kif ukoll il-kontribuzzjoni għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs, Sustainable Development Goals) tan-NU. Barra minn hekk, l-opzjonijiet ġew ivvalutati abbażi tal-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza u l-proporzjonalità tagħhom, bl-applikazzjoni tal-Evalwazzjoni Soċjali Multikriterja.

L-evalwazzjoni tal-opzjonijiet u tal-impatti tagħhom enfasizzat li l-integrazzjoni bbażata fuq l-objettivi ta' politika (il-fużjoni bbażata fuq l-objettivi) toffri potenzjal aħjar meta mqabbla maż-żewġ alternattivi. Din tippermetti koordinazzjoni aħjar, flessibbiltà mmirata, u użu aktar effettiv tal-baġit tal-Unjoni — mingħajr ma tissagrifika l-enfasi tal-politika jew l-aċċessibbiltà.

Dan l-istrument ta' finanzjament se joffri approċċ aktar komprensiv u xenarju koerenti ta' opportunitajiet formali, mhux formali u informali għaż-żgħażagħ, bl-għan li tingħata spinta lill-iżvilupp tal-ħiliet, l-involviment, il-preparatezza u l-koeżjoni soċjali. L-Ewropa jeħtieġ tiżgura li ż-żgħażagħ jitħejjew b'livell minimu ta' profiċjenza ta' ħiliet bażiċi u diġitali u trawwem il-kompetenzi avvanzati u l-ħiliet personali meħtieġa, fl-istadji kollha tal-ħajja. Dan huwa validu għall-iżvilupp professjonali iżda anke għall-iżvilupp personali tagħhom. Huwa kruċjali minħabba li kważi 18-il miljun żagħżugħ u żagħżugħa fl-UE jinsabu f'riskju ta' esklużjoni soċjali[32] u, fl-2024, kważi nofshom irrappurtaw li dan l-aħħar kellhom problemi emozzjonali jew psikosoċjali[33]. L-Ewropa għandha tindirizza wkoll l-għarfien insuffiċjenti fost iż-żgħażagħ b'mod partikolari dwar id-drittijiet demokratiċi tagħhom, l-aċċess diffiċli għall-informazzjoni, l-involviment limitat fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u d-dibattitu politiku usa'. L-indirizzar ta' dawk l-isfidi kollha huwa kruċjali biex tiġi żgurata Ewropa prospera, ippreparata u koeżiva iżda ma jistax iseħħ permezz tal-edukazzjoni formali biss. Il-

[32] Fl-2024, 24,2 % tat-tfal kollha taħt it-18-il sena (19,5 miljun tifel u tifla) fl-UE kienu f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali. Sors: il-bażi tad-data online tal-Eurostat (kodiċi: ilc_peps01n) [ilc_peps01n] Persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali skont l-età u s-sess.

[33] L-istħarriġ tal-Ewrobarometru FL545, Mejju 2024, Iż-żgħażagħ u d-demokrazija.

volontarjat u forom oħra ta' apprendiment mhux formali u informali jġibu magħhom valur komplementari għall-edukazzjoni formali. F'termini tal-implimentazzjoni, bl-unifikazzjoni tal-loġika ta' intervent għal dawn l-oqsma (prinċipalment koperti minn Erasmus+ u mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà), il-finanzjament tal-Unjoni jiġi razzjonalizzat u ssimplifikat b'mod sinifikanti, u jwassal għal effiċjenza akbar, ekonomiji ta' skala u tnaqqis fil-piż amministrattiv.

L-istrument il-ġdid se jkun ibbażat fuq is-suċċess tal-programmi attwali u l-aħjar prattiki tal-QFP attwali, kif juru l-evalwazzjonijiet. Se jindirizza aħjar l-isfidi tranżnazzjonali u komuni, inaqqas id-diskrepanzi fil-finanzjament fil-livell tal-Istati Membri, u jsaħħaħ il-koerenza bejn il-politiki interni u esterni, filwaqt li jagħti spinta lis-sinerġiji, l-effiċjenza u l-effettività, u jnaqqas id-duplikazzjonijiet.

Abbażi tal-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, dan ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ġie ppreżentat għall-iskrutinju tal-kwalità lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB, Regulatory Scrutiny Board). L-RSB ta opinjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt fit-13 ta' Ġunju 2025. L-RSB għamel sensiela ta' kummenti u rakkomandazzjonijiet dwar l-ambitu, id-definizzjoni tal-problemi u l-użu tal-evalwazzjonijiet, il-loġika u l-objettivi tal-intervent, it-tqabbil tal-opzjonijiet u l-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji, il-governanza, il-koerenza u l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni futuri. Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta legali ġiet rieżaminata f'konformità mal-kummenti tal-Bord.

- **Simplifikazzjoni**

Il-proposta tintroduċi diversi simplifikazzjonijiet.

*Għall-individwi, b'mod partikolari ż-żgħażagħ*

Billi testendi l-ambitu u tinkludi l-proġetti ta' volontarjat u solidarjetà, l-inizjattiva se tpoġġi l-opportunitajiet kollha tal-UE għaż-żgħażagħ fl-ambitu ta' programm wieħed. Għalhekk, il-proposta se toffri punt ta' dħul uniku għall-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE għaż-żgħażagħ u għal dawk li jaħdmu magħhom fl-Unjoni kollha u lil hinn minnha, u b'hekk tipprovdilhom aċċess aktar faċli.

*Għall-applikanti u l-benefiċjarji*

Il-proposta għandha l-għan li żżid il-koerenza u tirrazzjonalizza l-arkitettura tal-programmbilli tgħaqqad l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni u ta' appoġġ għall-politika, tbiddel l-azzjonijiet (pereżempju billi tlaqqa' flimkien l-opportunitajiet kollha ta' kooperazzjoni għall-organizzazzjonijiet jew billi tmexxi l-appoġġ għall-pjattaformi flimkien ma' għodod u miżuri oħra sabiex tappoġġa l-iżvilupp tal-politika u l-implimentazzjoni tal-programm) u tneħħi l-kapitoli mhux meħtieġa għal kull qasam. L-azzjonijiet li jikkondividu objettivi simili u jikkoinċidu se jitwaħħdu. (eż. il-mobbiltà tal-apprendiment għall-istudenti u l-persunal tal-edukazzjoni għolja). Dawn se jġibu magħhom ċarezza fl-opportunitajiet ta' finanzjament tal-Unjoni offruti, u jagħmluha aktar faċli għall-applikanti potenzjali biex isibu triqithom u jidentifikaw l-opportunitajiet rilevanti għalihom.

Barra minn hekk, l-inizjattiva se tindirizza l-ostakli li jiffaċċjaw l-organizzazzjonijiet ta' bażi, l-organizzazzjonijiet żgħar jew li japplikaw għall-ewwel darba u żżid il-firxa tagħha billi tbiddel il-mod ta' ġestjoni ta' xi azzjonijiet (eż. l-azzjonijiet attwali Jean Monnet f'oqsma oħra għajr l-edukazzjoni għolja jew is-sħubijiet ta' kooperazzjoni għall-isport). Se tintroduċi wkoll sħubijiet ta' għotjiet ta' valur baxx ħafna b'piż amministrattiv imnaqqas ħafna għall-applikanti.

L-użu ta' sistemi ta' akkreditazzjoni se jkompli jipprovdi lill-organizzazzjonijiet qafas strutturat għal titjib kontinwu u aċċess simplifikat għall-finanzjament, li fl-aħħar mill-aħħar jiffaċilita l-ippjanar fit-tul, iżid il-kwalità tal-attivitajiet u jsaħħaħ il-kollaborazzjoni

tranżnazzjonali. Kemm jista' jkun se jintużaw għotjiet simplifikati fil-forma ta' somom f'daqqa, kostijiet unitarji u rati fissi.

Barra minn hekk, se jsiru sforzi biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri kumplessivi tal-applikazzjoni u tar-rapportar kif ukoll biex jiġu armonizzati r-regoli, filwaqt li tiġi żgurata l-proporzjonalità bejn il-livell tal-għotjiet u r-rekwiżiti.

*Għall-partijiet ikkonċernati li jimplimentaw il-programm (l-awtoritajiet nazzjonali, l-aġenziji nazzjonali, il-Kummissjoni Ewropea)*

Billi tiġbor fl-ambitu ta' qafas wieħed żewġ programmi li joperaw bi proċessi simili, li jidduplikaw lil xulxin f'diversi oqsma (eż. fil-programm ta' ħidma, il-monitoraġġ, il-komunikazzjoni), il-proposta se toffri simplifikazzjoni sinifikanti, li twassal għal effiċjenza akbar u għal tnaqqis fil-piż amministrattiv u fil-kostijiet ta' implimentazzjoni. Dan se jippermetti użu aktar effiċjenti tar-riżorsi għall-Kummissjoni Ewropea, għall-Istati Membri u għall-pajjiżi terzi li japplikaw biex jiġu assoċjati mal-programm (jiġifieri l-korpi ta' implimentazzjoni).

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta hija konformi mal-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tħarishom. L-objettivi tal-inizjattiva proposta huma marbuta mill-qrib mal-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u mal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Kif deskritt fid-dettall fir-Rapport Annwali tal-2024 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali[34], il-programm Erasmus+ 2021–2027 jikkontribwixxi għad-drittijiet fundamentali fl-oqsma kollha tiegħu. Bl-istess mod, din il-proposta se tikkontribwixxi għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet minquxa fl-Artikolu 8 (il-protezzjoni tad-data personali), l-Artikolu 11 (il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni), l-Artikolu 13 (il-libertà tal-arti u x-xjenzi, inkluża l-libertà akkademika), l-Artikolu 14 (id-dritt għall-edukazzjoni), l-Artikolu 15 (il-libertà professjonali u dritt għax-xogħol), l-Artikoli 20 u 21 (l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni), l-Artikolu 22 (id-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika), l-Artikolu 23 (l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel), l-Artikolu 24 (id-drittijiet tat-tfal), l-Artikolu 26 (id-drittijiet tal-persuni diżabbli), 31 (kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa), l-Artikolu 33 (il-ħajja tal-familja u professjonali), l-Artikoli 39 sa 46 (ċittadinanza) tal-Karta. Dan jinkiseb prinċipalment billi jiġu ffinanzjati proġetti u inizjattivi li jikkontribwixxu għall-applikazzjoni prattika ta' dawn id-drittijiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ara l-Anness

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Din l-inizjattiva se tiġi mmonitorjata permezz tal-qafas ta' prestazzjoni komuni għall-baġit ta' wara l-2027. Il-qafas ta' prestazzjoni jipprevedi rapport ta' implimentazzjoni matul il-fażi tal-implimentazzjoni tal-Programm, kif ukoll evalwazzjoni retrospettiva li għandha titwettaq

[34] Finanzjament għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali Ir-rapport tal-2024 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (COM/2024/456).

f'konformità mal-Artikolu 34(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. L-evalwazzjoni għandha titwettaq f'konformità mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar u se tkun ibbażata fuq indikaturi rilevanti għall-objettivi tal-Programm.

Il-Kummissjoni se tirrapporta regolarment lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-istituzzjonijiet rilevanti l-oħra kollha tal-UE.

Parti sinifikanti tal-Programm se tiġi implimentata b'ġestjoni indiretta, prinċipalment permezz tal-aġenziji nazzjonali. Il-partijiet li jifdal tal-Programm se jiġu implimentati b'ġestjoni diretta, l-aktar minn Aġenzija Eżekuttiva taħt is-superviżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-Programm.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Ir-Regolament jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għal programm Erasmus+ li jkopri l-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport u jintegra l-opportunitajiet offruti mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà inkluż il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja fl-ambitu tal-QFP 2021–2027, filwaqt li joffri strument komprensiv tal-UE biex jikkontribwixxi għal apprendiment tul il-ħajja ta' kwalità għolja, isaħħaħ il-ħiliet u l-kompetenzi ewlenin għal kulħadd, għall-ħajja u għall-impjiegi, filwaqt li jippromwovi l-involviment tas-soċjetà u l-edukazzjoni ċivika, is-solidarjetà u l-inklużjoni soċjali. Il-Programm huwa strument ewlieni li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport. L-objettivi speċifiċi huma bbażati fuq l-intervent.

Il-Kapitolu I — "Dispożizzjonijiet ġenerali tar-Regolament propost" jistabbilixxi s-suġġett tiegħu, id-definizzjonijiet ta' ċerti termini għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, kif ukoll l-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programm.

Il-programm huwa strutturat fuq pilastru dwar l-opportunitajiet ta' apprendiment għal kulħadd u pilastru dwar il-bini tal-kapaċitajiet li jgħaqqad il-kooperazzjoni fost l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet u l-appoġġ għall-iżvilupp tal-politika, u jkopri l-oqsma kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport.

Il-Kapitolu II — "Ambitu tal-intervent" jidentifika l-attivitajiet previsti biex jinkisbu l-objettivi tar-Regolament propost. Skont il-pilastru "opportunitajiet ta' apprendiment għal kulħadd", il-Programm se jappoġġa l-mobbiltà tal-apprendiment fl-oqsma kollha u l-opportunitajiet ta' volontarjat fil-qasam taż-żgħażagħ minn naħa waħda u l-opportunitajiet ta' żvilupp tat-talent u tal-eċċellenza min-naħa l-oħra. Ikopri wkoll il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja. Din il-fergħa tinkludi wkoll viżjoni ġdida tal-estensjoni tal-mobbiltà biex jiġi żgurat li ż-żgħażagħ Ewropej kollha jingħataw il-possibbiltà li jkollhom esperjenza ta' Erasmus+ f'età aktar bikrija meta jiġu ffurmati l-valuri u l-attitudnijiet, u jiġu introdotti opportunitajiet ġodda (boroż ta' studju ta' Erasmus+) biex l-istudenti jkunu jistgħu jwettqu studji f'oqsma edukattivi strateġiċi u opportunitajiet eżistenti li ngabru taħt din il-fergħa għall-koerenza u ċ-ċarezza, inklużi l-boroż ta' studju ta' Erasmus Mundus u l-azzjonijiet Jean Monnet fil-qasam tal-edukazzjoni għolja.

Il-Kapitolu III — "Inklużjoni u diversità" jidentifika l-enfasi li l-Programm għandu jkollu fuq l-inklużjoni u d-diversità kif ukoll fuq il-miżuri u l-għodod biex jintlaħqu aktar parteċipanti b'inqas opportunitajiet.

Il-Kapitolu IV — "Dispożizzjonijiet finanzjarji" jistabbilixxi l-pakkett baġitarju tal-Programm għall-perjodu ta' programmazzjoni u l-forom previsti ta' finanzjament tal-Unjoni. Jipprevedi wkoll li għandha tiġi allokata kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali fl-ambitu ta' strumenti oħra. Il-Kapitolu jidentifika l-forom u l-funzjonament tas-sinerġiji anke ma' fondi u riżorsi

oħra. Barra minn hekk, dan il-Kapitolu jispeċifika wkoll xi regoli speċifiċi applikabbli għall-ġestjoni diretta u indiretta bħal għall-allokazzjoni tal-fondi taħt ġestjoni indiretta.

Il-Kapitolu V — "Parteċipazzjoni fil-Programm" jispeċifika l-kriterji għall-pajjiżi parteċipanti. Dan jispeċifika liema pajjiżi terzi jistgħu jiġu assoċjati mal-Programm, b'mod sħiħ jew parzjali u l-kundizzjonijiet li skonthom jistgħu jieħdu sehem. Il-Kapitolu jidentifika wkoll liema entitajiet huma eliġibbli biex jirċievu finanzjament.

Il-Kapitolu VI — "Programmazzjoni" jispeċifika li l-Programm se jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma.

Il-Kapitolu VII — "Informazzjoni, komunikazzjoni u tixrid" jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-atturi kollha kkonċernati f'termini tat-tixrid tal-informazzjoni, il-pubbliċità u s-segwitu fir-rigward tal-azzjonijiet kollha appoġġati mill-Programm.

Il-Kapitolu VIII — "Sistema ta' ġestjoni u ta' awditjar" jistabbilixxi d-dispożizzjoni għall-istabbiliment u l-funzjonament tal-korpi ta' implimentazzjoni tal-Programm. F'termini ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu eżekuttiv propost huwa kombinazzjoni ta' ġestjoni indiretta u ġestjoni diretta. Il-kombinazzjoni tal-modi ta' ġestjoni hija bbażata fuq l-istrutturi eżistenti tal-programm attwali. L-aġenziji nazzjonali se jkunu inkarigati mill-ġestjoni tal-maġġoranza l-kbira tal-fondi tal-Programm. Barra minn hekk, il-Kapitolu jistabbilixxi s-sistema superviżorja meħtieġa biex jiġi żgurat li l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni titqies kif xieraq meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament.

Il-Kapitolu IX — "Dispożizzjonijiet tranżizzjonali u finali" jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-programmi. Id-dispożizzjonijiet finali jistabbilixxu d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament propost li se jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

2025/0222 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-programm Erasmus+ għall-perjodu 2028–2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165(4), 166(4) u 214(5) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[35],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[36],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Unjoni jeħtieġ tappoġġa u tħejji lin-nies tagħha, minn età bikrija, bl-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex jirnexxu fl-apprendiment, fix-xogħol u fil-ħajja. Sabiex dan ikun jista' jsir, l-Unjoni teħtieġ sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ bi prestazzjoni tajba, aġli, innovattivi u inklużivi, li jkunu kapaċi jrawmu, jattiraw u jżommu t-talent, biex ilaħħqu mal-pass u l-ambitu tat-trasformazzjonijiet soċjetali, diġitali, ambjentali u ekonomiċi li għaddejjin bħalissa, jirrispondu għall-isfidi demografiċi u għall-ħtiġijiet tal-ħiliet tas-soċjetà u tal-ekonomija, inaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet u jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-industrija fis-setturi kritiċi.

(2) L-Unjoni hija komunità ta' valuri msejsa fuq l-istorja u l-identità tal-Ewropa u ankrata fit-Trattat dwar l-UE. Li wieħed jifhem dawk il-valuri, inkluż id-drittijiet fundamentali u d-demokrazija, hija ħila essenzjali għall-ħajja u kruċjali għall-parteċipazzjoni fid-dibattitu politiku u fit-teħid tad-deċiżjonijiet. L-attivitajiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport jgħinu liċ-ċittadini jitħejjew bil-ħiliet u l-kompetenzi biex jirnexxu, jipparteċipaw b'mod attiv u sinifikanti fil-ħajja demokratika u fis-soċjetà b'mod kumplessiv, u jgħinu lin-nies jingħaqdu flimkien biex jiddefendu l-valuri komuni tagħhom.

(3) L-Unjoni hija mibnija fuq is-solidarjetà, kemm fost iċ-ċittadini tagħha kif ukoll fost l-Istati Membri. Dak il-valur universali jiggwida l-azzjonijiet tal-Unjoni u jipprovdi l-unità meħtieġa biex inkampaw mal-isfidi tas-soċjetà, li l-individwi huma lesti li jindirizzaw fil-prattika, b'mod partikolari permezz tal-volontarjat.

35 ĠU C , , p. .
36 ĠU C , , p. .

(4) Huwa essenzjali li n-nies kollha, irrispettivament mill-isfond personali, soċjali, ekonomiku jew kulturali tagħhom, ikollhom l-opportunità li jipparteċipaw f'esperjenza ta' mobbiltà barra minn pajjiżhom minn età bikrija, meta jiġu ffurmati l-valuri u l-attitudnijiet u meta l-individwi jkunu l-aktar lesti li jilqgħu esperjenzi u influwenzi ġodda. L-esponiment bikri għal ambjenti, kulturi, lingwi u modi ta' ħajja differenti jista' jgħin biex jinqerdu l-isterjotipi, jiġi promoss il-fehim interkulturali, u jitrawmu valuri ta' rispett, tolleranza u solidarjetà, b'hekk jikkontribwixxi għal Ewropa aktar magħquda u armonjuża.

(5) Il-bini ta' soċjetajiet inklużivi, koeżivi u reżiljenti, u s-sostenn tal-kompetittività tal-Unjoni jeħtieġu investiment f'opportunitajiet ta' apprendiment għal kulħadd, irrispettivament mill-isfond u l-mezzi, f'kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet attivi fil-qasam, u fl-iżvilupp innovattiv tal-politika fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport. Investiment bħal dan jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-identità Ewropea u tad-drittijiet u l-valuri fundamentali, u għal Unjoni aktar demokratika.

(6) F'konformità mal-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza[37], il-preparatezza, ir-reżiljenza, il-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika u l-involviment ċiviku jenħtieġ li jitrawmu permezz ta' approċċ axxendenti, filwaqt li l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet jitħeġġu jaqdu rwol ewlieni fit-trawwim tal-litteriżmu diġitali u medjatiku u tal-ħsieb kritiku, fil-promozzjoni tal-involviment ċiviku, u fl-apprendiment dwar id-demokrazija u ċ-ċittadinanza. In-nies u l-komunitajiet madwar l-UE jridu jimpenjaw ruħhom b'mod attiv biex jipprevjenu l-kriżijiet u biex ikunu ppreparati biżżejjed biex jirrispondu għalihom.

(7) L-oqsma ta' azzjoni u l-objettivi komuni tal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u tal-programm Erasmus+ għall-2021–2027 jenfasizzaw il-potenzjal għal sinerġija u koerenza regolatorja msaħħa. Il-ġbir flimkien tal-opportunitajiet kollha tal-mobbiltà tal-apprendiment, tal-volontarjat, tal-kooperazzjoni u taċ-ċittadinanza attiva jipprovdi punt ta' dħul uniku għall-opportunitajiet kollha li l-Unjoni toffri liż-żgħażagħ u lill-organizzazzjonijiet attivi fil-qasam taż-żgħażagħ, u dan jippermetti approċċ aktar koordinat u effettiv, u aċċess aktar faċli għall-parteċipanti u l-benefiċjarji potenzjali.

(8) F'dan il-kuntest, jeħtieġ jiġi stabbilit Erasmus+ 2028–2034, il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport (il-"Programm"), bħala s-suċċessur tal-programm Erasmus+[38] u tal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà[39] 2021–2027, li jinkludi azzjonijiet fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport u jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja.

(9) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qiegħed jinbidel malajr, l-esperjenza wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi ta' nfiq tal-Unjoni aktar flessibbli. Għal dak l-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-programm Erasmus+, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika u l-prijoritajiet tal-Unjoni

---

37 Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija Ewropea ta' Unjoni tal-Preparatezza (Join/2025/130 final).

38 Ir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u t-taħriġ, żgħażagħ u sport (ĠU L 189, 28.5.2021).

39 Ir-Regolament (UE) 2021/888 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (ĠU L 202, 8.6.2021).

li qegħdin jevolvu, kif identifikat fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.

(10) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Ħiliet[40] u l-oqfsa strateġiċi kumplessivi għall-kooperazzjoni politika tal-Unjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż l-aġendi politiċi għall-edukazzjoni skolastika, l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-apprendiment għall-adulti, inkluż it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jiżviluppaw kompetenzi u ħiliet fl-istadji kollha tal-ħajja tagħhom ħalli jirnexxu fis-soċjetà.

(11) F'konformità mal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ[41], l-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażagħ[42] u l-Komunikazzjoni tal-2024 dwar il-legat tas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022[43], il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażagħ u tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fit-tfassil tal-politika, l-integrazzjoni taż-żgħażagħ fl-oqsma kollha ta' politika, il-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali, il-ħidma fost iż-żgħażagħ ta' kwalità għolja u l-iżvilupp tal-kompetenzi tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ. Il-Programm se jkompli jappoġġa liż-żgħażagħ kollha biex jipparteċipaw fil-mobbiltà tal-apprendiment u l-mobbiltà tal-apprendiment mhux formali, inkluż l-iskambji taż-żgħażagħ u l-attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, bl-objettiv li jinvolvi liż-żgħażagħ u jagħtihom is-setgħa li jakkwistaw u jiżviluppaw kompetenzi għal ħajjithom u għall-futur professjonali tagħhom, biex isiru ċittadini attivi u jibdew jipparteċipaw fil-ħajja ekonomika, soċjali, kulturali, demokratika u politika, u jinvolvihom fil-proġett Ewropew u jikkontribwixxi għall-bini ta' Unjoni inklużiva, kompetittiva u reżiljenti.

(12) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-parteċipazzjoni fl-isport u l-attività fiżika ta' kulħadd, f'konformità mal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport 2024–2027[44]. Għalhekk, jeħtieġ issir enfasi, b'mod partikolari, fuq l-isport għad-dilettanti, filwaqt li jitqies ir-rwol importanti li l-isport jaqdi fil-promozzjoni ta' stili ta' ħajja sani, relazzjonijiet interpersonali, l-inklużjoni soċjali u l-ugwaljanza kif ukoll fil-bini ta' komunitajiet koeżivi.

(13) It-trasformazzjoni diġitali biddlet is-soċjetà u l-ekonomija permezz ta' impatt dejjem akbar fuq il-ħajja ta' kuljum u wriet il-ħtieġa ta' livelli ogħla ta' prontezza diġitali u

40 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni L-Unjoni tal-Ħiliet (COM/2025/90 final).

41 Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ: L-istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ 2019–2027 (ĠU C 456, ST/14944/2018/INIT, 18.12.2018).

42 Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-Qafas għall-istabbiliment ta' Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażagħ 2020/C 415/01 (ĠU C 415, 1.12.2020).

43 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022 (COM/2024/1 final, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/en/txt/?uri=celex:52024dc0001)

44 Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (1 ta' Lulju 2024 – 31 ta' Diċembru 2027), (ĠU C, C/2024/3527, 3.6.2024).

kapaċità fejn jidħlu l-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll il-ħtieġa urġenti tal-iżvilupp tal-ħiliet diġitali għal kull persuna fl-Unjoni.

(14) L-apprendiment formali, informali u mhux formali jaqdi rwol essenzjali fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima, fis-sensibilizzazzjoni u fit-trawwim tal-ħiliet u l-kompetenzi ewlenin meħtieġa għat-tibdil fl-imġiba personali. Il-Programm se jgħin biex in-nies jingħataw is-setgħa li jaġixxu fil-komunitajiet rispettivi tagħhom u li jiżviluppaw il-ħiliet meħtieġa għal tranżizzjoni nadifa ta' suċċess, f'konformità mal-Patt għal Industrija Nadifa.

(15) Id-dimensjoni internazzjonali tal-Programm jenħtieġ li jkollha l-għan li toffri opportunitajiet għall-mobbiltà tal-apprendiment, għall-kooperazzjoni u għad-djalogu ta' politika ma' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, billi tibbaża fuq l-esperjenza tal-programmi predeċessuri, inkluż biex tikkontribwixxi għall-kompetittività tal-Unjoni, filwaqt li tiżgura l-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà ekonomika tal-Unjoni. Sabiex jiżdied l-impatt ta' dawk l-attivitajiet, importanti li jissaħħu s-sinerġiji bejn il-Programm u l-Ewropa Globali, filwaqt li jitqies it-tkabbir tal-Unjoni, l-istrateġija Global Gateway u l-oqfsa ta' politika marbuta mal-edukazzjoni u t-taħriġ, maż-żgħażagħ u mal-isport.

(16) Il-Programm jenħtieġ li jqarreb lill-pajjiżi kandidati u lill-kandidati potenzjali lejn l-għan tagħhom li jaderixxu mal-Unjoni. Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-istabbiltà, is-sħubijiet u l-iżvilupp tal-ħiliet ma' pajjiżi fil-viċinat usa', inkluż billi jsaħħaħ ir-rabtiet mar-reġjun tal-Mediterran. Permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi oħra madwar id-dinja, il-Programm jenħtieġ li jattira wkoll talenti minn madwar id-dinja, u jsawwar is-sħubijiet b'mod partikolari għall-promozzjoni tal-kompetittività tal-Unjoni. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa lill-pajjiżi fl-immodernizzar tal-istituzzjonijiet u tal-organizzazzjonijiet tagħhom u, b'mod aktar ġenerali, fit-tisħiħ tal-kwalità u tal-inklużività tal-edukazzjoni, tat-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport permezz ta' sħubijiet internazzjonali.

(17) L-implimentazzjoni tal-Programm jenħtieġ li tkun iggwidata mill-prinċipji u l-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt, u s-solidarjetà, kif minqux rispettivament fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u msemmi fil-preambolu tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, huwa essenzjali li kull parti involuta fil-Programm tirrispetta dawk il-prinċipji u l-valuri. Il-Programm jenħtieġ li jirrispetta wkoll il-prinċipji stabbiliti fil-Linji Gwida tal-UE tal-2017 għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal u fl-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà kif ukoll l-istrateġiji tal-Unjoni tal-Ugwaljanza.

(18) Il-Programm jenħtieġ li jħeġġeġ il-parteċipazzjoni, b'mod partikolari taż-żgħażagħ, fil-ħajja demokratika tal-Ewropa, inkluż billi jappoġġa attivitajiet li jikkontribwixxu għall-edukazzjoni ċivika, irawmu l-ħiliet meħtieġa għall-involviment ċiviku u jippermettu l-involviment fis-soċjetà ċivika u l-apprendiment dwar kif jipparteċipaw fiha, b'hekk irawwem sensibilizzazzjoni dwar il-valuri komuni Ewropej, inkluż id-drittijiet fundamentali, jiffaċilita l-interazzjoni ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew u jikkontribwixxi għall-proċess tal-integrazzjoni Ewropea. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll il-ħolqien ta' opportunitajiet u mekkaniżmi għal parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażagħ.

(19) Il-Programm jenħtieġ li joffri opportunitajiet aċċessibbli, inklużivi u sikuri għaż-żgħażagħ u għall-organizzazzjonijiet biex juru solidarjetà, b'hekk jgħinhom

jappoġġaw lill-komunitajiet u jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà, filwaqt li jiksbu esperjenza u ħiliet siewja għat-tkabbir personali u l-impjegabbiltà tagħhom.

(20) Il-volontarjat, kemm fl-Unjoni kif ukoll lil hinn minnha, jikkostitwixxi esperjenza rikka f'kuntest ta' apprendiment mhux formali u informali, u dan jippermetti liż-żgħażagħ juru solidarjetà u jinvolvu ruħhom f'attivitajiet li jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà u dawk umanitarji filwaqt li jsaħħu l-iżvilupp personali, soċjoedukattiv u professjonali, iċ-ċittadinanza attiva, il-parteċipazzjoni ċivika u l-impjegabbiltà tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa wkoll l-azzjonijiet ta' volontarjat tal-"Korp Ewropew ta' Solidarjetà", inkluż il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja. Dawk l-azzjonijiet kienu koperti mill-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027.

(21) Bil-ħsieb li tissaħħaħ il-promozzjoni tas-solidarjetà u l-viżibbiltà tal-għajnuna umanitarja u tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fost iċ-ċittadini Ewropej, jeħtieġ tiġi żviluppata s-solidarjetà li l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm juru mal-pajjiżi terzi mhux assoċjati milquta minn diżastri kawża ta' perikli naturali u riskji antropoġeniċi. Il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja jenħtieġ li jikkontribwixxi għal rispons ikkoordinat tal-Unjoni bbażat fuq il-ħtiġijiet u se jiġi implimentat f'konformità mar-regoli u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(22) Iż-żgħażagħ, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet, jenħtieġ li jkomplu jingħataw l-opportunità li jkollhom l-ewwel esperjenza ta' vvjaġġar madwar l-Ewropa bħala parti minn attività edukattiva informali u mhux formali li għandha l-għan li trawwem is-sens ta' appartenenza tagħhom fl-Unjoni u li tippermettilhom jiskopru d-diversità kulturali u lingwistika tagħha.

(23) Fil-qasam tal-isport, permezz tal-opportunitajiet ta' mobbiltà u l-bini tal-kapaċitajiet, inkluż il-kooperazzjoni, il-Programm jenħtieġ li jrawwem valuri Ewropej komuni, il-volontarjat kif ukoll l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet fl-isport u permezz tiegħu. Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi wkoll il-governanza tajba, is-sikurezza u l-integrità fl-isport u d-diplomazija bl-isport, jappoġġa lill-organizzazzjonijiet tal-isport għad-dilettanti kif ukoll joffri liż-żgħażagħ minn madwar l-Ewropa kollha l-opportunità li jipparteċipaw f'inizjattivi sportivi transfruntieri, b'hekk irawwem it-tkabbir personali, l-iskambju kulturali, is-solidarjetà u l-involviment fil-komunità.

(24) Il-Programm jagħti kontribuzzjoni ewlenija lill-Unjoni tal-Ħiliet u liż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, filwaqt li jistabbilixxi l-pedament għall-formazzjoni tal-ħiliet u tal-kompetenzi tul il-ħajja u jipprovdi spazju komuni ġenwin għal edukazzjoni ta' kwalità u apprendiment tul il-ħajja transfruntieri. L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li żżid l-isforzi biex jinkisbu edukazzjoni, taħriġ u apprendiment tul il-ħajja ta' kwalità għolja billi tipprovdi ħiliet bażiċi u avvanzati, tipprovdi opportunitajiet għan-nies biex jaġġornaw regolarment u jakkwistaw ħiliet ġodda u orjentati lejn il-futur, tiffaċilita ċ-ċirkolazzjoni tal-ħiliet u r-reklutaġġ min-naħa tan-negozji ta' madwar l-UE, u tattira, tiżviluppa u żżomm l-aqwa talent fl-Ewropa. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, il-Programm jenħtieġ li jirrifletti wkoll l-importanza tal-edukazzjoni intraprenditorjali u l-litteriżmu finanzjarju.

(25) Importanti li jiġi stimulat u mwessa' l-aċċess għall-apprendiment, għat-tagħlim u għar-riċerka dwar l-UE, il-valuri u ċ-ċittadinanza. B'mod partikolari, importanti li jitrawwem sens ta' appartenenza u impenn Ewropew, minħabba l-isfidi li l-Unjoni qiegħda tiffaċċja llum il-ġurnata. Il-Programm jenħtieġ li jkompli jikkontribwixxi għall-apprendiment dwar kwistjonijiet marbuta mal-integrazzjoni Ewropea, inkluż l-

isfidi u l-opportunitajiet futuri tal-Unjoni, biex jippromwovi d-dibattitu dwar dawk il-kwistjonijiet u l-iżvilupp tal-eċċellenza fl-istudji dwar l-integrazzjoni Ewropea.

(26) L-apprendiment tal-lingwi jikkontribwixxi għal fehim reċiproku fost in-nies u l-kulturi, u jrawwem il-mobbiltà fl-Unjoni u barra minnha, peress li l-kompetenzi lingwistiċi huma ħiliet essenzjali għall-ħajja u għall-impjiegi. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ l-apprendiment tal-lingwi, inkluż, meta jkun rilevanti, il-lingwi tas-sinjali nazzjonali. Sabiex jiġi żgurat aċċess wiesa' u inklużiv għall-Programm, importanti li l-multilingwiżmu jkun prinċipju ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Programm.

(27) L-Ewropa qiegħda tiffaċċja sfida dejjem akbar biex tissodisfa d-domanda għal talent kwalifikat fis-setturi strateġiċi u li qegħdin jevolvu bħat-teknoloġiji nodfa u ċirkolari, it-trasport, l-enerġija, ir-reżiljenza idrika, il-kura tas-saħħa, it-teknoloġiji diġitali, l-ajruspazju u d-difiża. Sabiex tiġi indirizzata din il-ħtieġa ewlenija, huwa essenzjali li jiġu żviluppati, attirati u miżmuma individwi b'talent f'dawn l-oqsma. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, il-Programm jenħtieġ li, fost l-oħrajn, jappoġġa lill-istudenti tal-UE biex ikomplu l-istudji tagħhom f'tali setturi kritiċi u jattira wkoll l-aqwa talent lejn l-Ewropa billi jsaħħaħ l-attraenza tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u joffri boroż ta' studju lill-istudenti, inkluż permezz ta' boroż ta' studju Erasmus Mundus. Dan jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-ħiliet għas-suq tax-xogħol, inkluż għas-setturi li qegħdin jaffaċċjaw nuqqas serju ta' persunal.

(28) Il-kooperazzjoni tippermetti l-iskambju ta' prattiki u l-bini tal-kapaċitajiet, b'hekk twassal għal eżiti u prestazzjoni aħjar kif ukoll għal titjib fl-effiċjenza billi tiġbor ir-riżorsi u l-għarfien flimkien. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa miżuri għall-bini tal-kapaċitajiet li jsaħħu l-kooperazzjoni f'livelli differenti bejn l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet li huma attivi fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport. Dan jirrikonoxxi r-rwol fundamentali tal-istituzzjonijiet u tal-organizzazzjonijiet li jħejju lill-individwi bl-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa f'dinja li qiegħda tinbidel u jgħinu lill-istituzzjonijiet u lill-organizzazzjonijiet attivi fil-qasam jilħqu b'mod adegwat il-potenzjal tagħhom għall-innovazzjoni, għall-kreattività u għall-intraprenditorija, b'mod partikolari fl-ekonomija diġitali.

(29) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-kooperazzjoni strateġika fit-tul fil-livell istituzzjonali għall-iżvilupp tal-eċċellenza, tal-kompetittività u tal-attraenza u għall-ġenerazzjoni ta' trasformazzjoni sostenibbli u sistemika tal-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport, f'konformità mal-prijoritajiet tal-UE, inkluż billi jaġixxi bħala ambjenti tal-ittestjar għal strumenti innovattivi għall-edukazzjoni, għat-taħriġ u għall-żvilupp tal-ħiliet, filwaqt li jappoġġa l-kooperazzjoni man-negozji u mal-industrija. Il-Programm jenħtieġ li jkompli jappoġġa l-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u tal-Istati Membri favur it-tneħħija tal-ostakli li fadal għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali u l-multiplikazzjoni tal-offerta tal-programmi ta' studju konġunti tranżnazzjonali, b'hekk jikkontribwixxu għal Lawrja Ewropea konġunta[45].

(30) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-missjoni ewlenija fil-qasam tal-edukazzjoni tal-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej biex jippermetti impatt sistemiku miksub b'mod aktar effiċjenti permezz ta' azzjoni fit-tul fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari biex

[45] Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta u l-passi li jmiss lejn lawrja Ewropea konġunta possibbli: nagħtu spinta lill-kompetittività tal-Ewropa u l-attrattività tal-edukazzjoni għolja Ewropea. (ĠU C, C/2025/2939, 22.5.2025).

tissaħħaħ l-eċċellenza, titnaqqas il-frammentazzjoni u tiżdied l-attraenza u l-inklużività tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja tal-UE, jiġu żviluppati strumenti innovattivi biex tiżdied il-kwalità tal-apprendiment u tat-tagħlim u jiġu żviluppati ħiliet u kompetenzi orjentati lejn il-futur (bħall-IA, iċ-ċibersigurtà, is-sostenibbiltà, l-iSTEM), inkluż is-setturi diġà identifikati fl-Unjoni tal-Ħiliet, permezz ta' kurrikuli rilevanti li jibqgħu validi fil-futur, l-innovazzjoni pedagoġika, il-lawrji konġunti, l-apprendiment tul il-ħajja u l-mikrokredenzjali, biex jitrawwem u jiġi attirat it-talent u tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni tranżnazzjonali fl-edukazzjoni, inkluż man-negozju u mal-industrija.

(31) F'konformità mal-oqfsa u l-għodod rilevanti tal-Unjoni, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-iżvilupp u ċ-ċirkolazzjoni tal-ħiliet, inkluż billi jistabbilixxi skema ta' appoġġ għall-ħiliet bażiċi u billi jrawwem l-assigurazzjoni tal-kwalità, it-trasparenza, u r-rikonoxximent u d-diġitalizzazzjoni tal-ħiliet, tal-kompetenzi u tal-kwalifiki, kif ukoll il-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali, il-ġestjoni tal-ħiliet u l-gwida. F'dak ir-rigward, il-Programm jenħtieġ li jipprovdi wkoll appoġġ lill-punti ta' kuntatt u lin-networks fil-livell nazzjonali u Ewropew li jiffaċilitaw l-iskambji trans-Ewropej u dawk barra mill-Ewropa, u l-iżvilupp ta' perkorsi ta' apprendiment flessibbli bejn oqsma differenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ u taż-żgħażagħ, u f'kuntesti formali u mhux formali, inkluż permezz tal-appoġġ għall-ekosistemi tal-mikrokredenzjali.

(32) Il-pjattaformi u l-għodod online faċli għall-utent għall-kooperazzjoni virtwali jistgħu jaqdu rwol importanti fl-appoġġ għall-forniment tal-edukazzjoni u t-taħriġ u għall-politika dwar iż-żgħażagħ fl-Ewropa u lil hinn minnha. Sabiex jiżdied l-użu ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni virtwali, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa użu aktar sistematiku u koerenti tal-pjattaformi online. Jenħtieġ li jiffaċilita u jappoġġa wkoll il-proċessi tal-mobbiltà permezz tad-diġitalizzazzjoni.

(33) Il-Programm jenħtieġ li jitfassal biex jippromwovi l-inklużjoni, id-diversità u l-opportunitajiet indaqs billi jwessa' l-aċċess għall-mobbiltà, għall-volontarjat u għall-apprendiment fl-Unjoni u lil hinn minnha, b'hekk jippermetti lin-nies kollha jibbenefikaw bis-sħiħ minn esperjenza trasformattiva.

(34) Il-Programm jenħtieġ li jipprevedi sett ta' miżuri biex jiffaċilita u jtejjeb l-aċċess għall-persuni b'inqas opportunitajiet, biex ineħħi l-ostakli li jistgħu jipprevjenu tali aċċess, inkluż dawk finanzjarji, u biex iservi bħala bażi għal gwida ulterjuri għall-implimentazzjoni. Dawk il-miżuri jinkludu, fost l-oħrajn, appoġġ finanzjarju mmirat, formati ta' apprendiment aċċessibbli, appoġġ għall-akkomodazzjoni, attivitajiet preparatorji u appoġġ għall-parteċipanti b'inqas opportunitajiet qabel, matul u wara l-parteċipazzjoni tagħhom fil-Programm, dokumenti faċli għall-utent u aċċessibbli disponibbli b'lingwi differenti, attivitajiet ta' appoġġ għall-persunal li jittratta speċifikament l-inklużjoni u d-diversità fl-organizzazzjonijiet u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni fost il-parteċipanti potenzjali b'inqas opportunitajiet, inkluż f'żoni rurali u remoti. Barra minn hekk, il-Programm jenħtieġ li jippermetti li, fil-proċess tal-aġġudikazzjoni tal-għotjiet, tingħata prijorità lil proġetti ta' kwalità li jindirizzaw b'mod attiv l-inklużjoni u l-involviment tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet.

(35) Sabiex il-Programm isir aktar aċċessibbli għall-organizzazzjonijiet il-ġodda u għall-organizzazzjonijiet b'kapaċità amministrattiva iżgħar, u biex il-benefiċjarji jsibuha aktar faċli biex jiġġestuh, il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ il-miżuri għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri fl-istadji kollha.

(1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju indikattiv għall-Programm. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, il-prezzijiet attwali huma kkalkulati bl-applikazzjoni ta' deflatur fiss ta' 2 %.

(37) Fid-dawl tad-diversità tal-oqsma koperti mill-Programm, jenħtieġ li tinżamm l-ambizzjoni għaż-żgħażagħ u għall-isport li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-objettivi tal-Programm u li jilħqu l-gruppi fil-mira tiegħu.

(38) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46] japplika għal dan il-Programm. Dan jistipula r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inkluż ir-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet mhux finanzjarji, l-akkwist, il-ġestjoni indiretta, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji, il-garanziji baġitarji u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

(39) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47], ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[48], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[49] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[50], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni tal-irregolaritajiet u tal-frodi, l-irkupru tal-fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett, u, meta jkun xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (UE, Euratom) Nru 883/2013 u (KE, Euratom) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF, European Anti-fraud Office) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u attivitajiet illegali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[51]. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

---

46 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024).

47 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

48 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

49 Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

50 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

51 Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

(40) Sabiex jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-benefiċjarji, jenħtieġ li jintużaw kemm jista' jkun opzjonijiet tal-kostijiet issimplifikati fil-forma ta' somom f'daqqa, ta' kostijiet unitarji u ta' rati fissi. L-opzjonijiet tal-kostijiet issimplifikati biex jappoġġaw il-mobbiltà tal-apprendiment fl-ambitu tal-Programm jenħtieġ li jqisu l-kostijiet tal-għajxien u tas-sussistenza fil-pajjiż ospitanti. F'konformità mad-dritt nazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħeġġu jeżentaw dawk l-għotjiet minn kwalunkwe taxxa u imposta soċjali; l-għotjiet li jiġu aġġudikati lill-individwi minn entitajiet legali pubbliċi jew privati jenħtieġ li jiġu ttrattati l-istess.

(41) Jixraq li jiġi żgurat li l-Programmi 2021–2027 jingħalqu b'mod korrett, b'mod partikolari fir-rigward tat-tkomplija tal-arranġamenti pluriennali għall-ġestjoni tagħhom, bħall-finanzjament tal-assistenza teknika u amministrattiva. Mill-1 ta' Jannar 2028, l-assistenza teknika u amministrattiva jenħtieġ li tiżgura, meta jkun meħtieġ, il-ġestjoni tal-azzjonijiet li ma jkunux ġew finalizzati fl-ambitu tal-Programmi 2021–2027 sal-31 ta' Diċembru 2027.

(42) F'konformità mal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Programm jenħtieġ li jqis is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija f'dak l-Artikolu, inkluż miżuri biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom fil-Programm.

(43) Skont l-Artikolu 85(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764[52], il-persuni u l-entitajiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej huma eliġibbli għal finanzjament fl-ambitu tal-Programm, soġġett għar-regoli u l-objettivi u għal kwalunkwe arranġament speċifiku applikabbli għall-Istat Membru li għandu rabta miegħu l-pajjiż jew it-territorju ekstra-Ewropew rilevanti.

(44) Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Prestazzjoni], li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inklużi regoli biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta' portal ta' finanzjament tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà.

(45) Bil-ħsieb li jiġi ottimizzat il-valur miżjud u jiżdiedu l-iskala u l-impatt tal-investimenti, jenħtieġ li jsir sforz sabiex jinħolqu sinerġiji, b'mod partikolari bejn il-Programm u l-istrumenti l-oħra ta' finanzjament tal-Unjoni, inkluż permezz ta' mekkaniżmi abilitanti. Il-Programm jenħtieġ li jimmira wkoll għal sinerġiji li jsaħħu l-kollaborazzjoni bejn l-edukazzjoni u s-settur privat.

(46) Il-Programm jenħtieġ li jippermetti assoċjazzjoni sħiħa u parzjali tal-pajjiżi terzi. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li mhumiex assoċjati mal-Programm, meta dawk il-pajjiżi jiġu identifikati fil-programm ta' ħidma u meta l-parteċipazzjoni tagħhom tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-Programm u tkun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni.

---

[52] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inkluż ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni ekstra-Ewropea, inkluż Greenland) (ĠU L 355, 7.10.2021, p. 6).

(47) Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ilħuq tan-nies u l-pubbliċità xierqa u inklużivi fir-rigward tal-opportunitajiet appoġġati mill-Programm isiru fil-livell lokali, nazzjonal u tal-Unjoni, u dawn jenħtieġ li jqisu l-gruppi fil-mira ewlenin tal-Programm u, meta jkun rilevanti, varjetà wiesgħa ta' gruppi fil-mira oħra. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-korpi ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-prattiki tajba u r-riżultati tal-proġetti u jiġbru l-feedback dwar il-Programm.

(48) Il-Programm jenħtieġ li jimmobilizza l-potenzjal tal-parteċipanti preċedenti fil-programm Erasmus+ u jappoġġa attivitajiet relatati billi jħeġġiġhom jippromwovu l-Programm.

(49) Jenħtieġ li jittieħdu miżuri biex tiġi razzjonalizzata l-ġestjoni tal-Programm u jinkisbu ekonomiji ta' skala, inkluż permezz tal-limitazzjoni u t-tnaqqis tal-għadd ta' aġenziji nazzjonali.

(50) Jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) 2021/817[53] u (UE) 2021/888[54] jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2028.

(51) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-għoti tal-appoġġ fil-qasam ta' politika rilevanti u biex l-implimentazzjoni tkun tista' tibda mill-bidu tal-QFP 2028–2034, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2028 u jibda japplika minn dakinhar.

[53] Ir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u t-taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p.1).

[54] Ir-Regolament (UE) 2021/888 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2018/1475 u (UE) Nru 375/2014 (ĠU L 202, 8.6.2021, p. 32).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU I

# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

***Suġġett***

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm Erasmus+, il-programm tal-Unjoni għall-azzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll fl-oqsma taż-żgħażagħ u tal-isport (il-“Programm”) u jistabbilixxi l-objettivi tal-Programm, il-baġit tiegħu għall-perjodu 2028–2034, il-forom ta’ finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-forniment ta’ tali finanzjament. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll il-Korp Volontarju Ewropew ta’ Għajnuna Umanitarja.

*Artikolu 2*

***Definizzjonijiet***

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) “student adult” tfisser persuna li tkun waqqfet jew temmet l-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali u li tinvolvi ruħha f’apprendiment formali, mhux formali jew informali, inkluż barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET, not in education, employment or training);

(2) “apprendiment għall-adulti” tfisser kwalunkwe forma ta’ apprendiment formali, mhux formali jew informali għall-adulti, li jinkludi l-opportunitajiet għall-iżvilupp tal-ħiliet, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet għall-kompetittività, it-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u l-appoġġ għall-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà;

(3) “sport għad-dilettanti” tfisser attivitajiet fiżiċi ta’ divertiment ipprattikati regolarment fil-livell mhux professjonali minn persuni ta’ kull età għal finijiet ta’ saħħa, edukattivi jew soċjali;

(4) “istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja” tfisser istituzzjoni li, f’konformità mad-dritt jew il-prattika reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali, toffri lawrji jew kwalifiki rikonoxxuti oħra ta’ livell terzjarju ta’ kwalità assigurata, irrispettivament minn x’jissejjaħ tali stabbiliment, jew istituzzjoni komparabbli fil-livell terzjarju li titqies mill-awtoritajiet nazzjonali/reġjonali jew mill-Kummissjoni Ewropea bħala eliġibbli biex tipparteċipa fil-Programm fit-territorji rispettivi;

(5) “student tal-edukazzjoni għolja” tfisser persuna rreġistrata f’istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja, inkluż f’livell ta’ ċiklu qasir, baċellerat, master jew dottorat jew ekwivalenti, jew persuna li reċentement temmet lawrja minn tali istituzzjoni;

(6) “Korp Volontarju Ewropew ta’ Għajnuna Umanitarja” tirreferi għall-attivitajiet ta’ volontarjat li jappoġġaw l-operazzjonijiet fit-tul ta’ wara l-kriżi ta’ għajnuna umanitarja u ta’ kooperazzjoni għall-iżvilupp f’pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, li huma maħsuba biex jipprovdu assistenza bbażata fuq il-ħtiġijiet li

għandha l-għan li tipprevjeni u ttaffi t-tbatija umana, u li żżomm id-dinjità umana dejjiema fid-dawl tal-kriżijiet, u li jinkludu azzjonijiet li għandhom l-għan li jsaħħu l-preparatezza għad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, jorbtu flimkien l-għajnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp, u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-kapaċità tal-komunitajiet vulnerabbli jew affettwati minn diżastri biex ikampaw mal-kriżijiet u jirkupraw minnhom;

(7) "apprendiment informali" tfisser apprendiment li jirriżulta minn attivitajiet u esperjenzi ta' kuljum li mhuwiex organizzat jew strutturat f'termini ta' objettivi, ta' żmien jew ta' appoġġ għall-apprendiment; jista' ma jkunx intenzjonat mill-perspettiva tal-istudent;

(8) "programm ta' studju konġunt" tfisser programm ikkoordinat u offrut b'mod konġunt minn istituzzjonijiet differenti tal-edukazzjoni għolja minn żewġ pajjiżi jew aktar u li jwassal għall-għoti ta' lawrja konġunta;

(9) "apprendiment tul il-ħajja" tfisser l-apprendiment fil-forom kollha tiegħu, kemm jekk formali, mhux formali jew informali, li jseħħ fl-istadji kollha tal-ħajja u li jirriżulta f'titjib jew aġġornament fl-għarfien, fil-ħiliet, fil-kompetenzi u fl-attitudnijiet, inkluż permezz tal-mikrokredenzjali jew tal-parteċipazzjoni fis-soċjetà minn perspettiva personali, ċivika, kulturali, soċjali jew b'rabta mal-impjieg, bħall-forniment ta' servizzi ta' konsulenza u ta' gwida; dan jinkludi l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni ġenerali, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni għolja, l-apprendiment għall-adulti, il-ħidma fost iż-żgħażagħ u ambjenti oħra ta' apprendiment barra mill-edukazzjoni u t-taħriġ formali, u tipikament jippromwovi l-kooperazzjoni transsettorjali u perkorsi flessibbli ta' apprendiment;

(10) "mobbiltà tal-apprendiment" tfisser iċ-ċaqliq fiżiku lejn pajjiż li mhuwiex il-pajjiż tar-residenza għal studju, taħriġ, tagħlim, jew apprendiment mhux formali jew informali;

(11) "apprendiment mhux formali" tfisser apprendiment li jsir barra mill-edukazzjoni u t-taħriġ formali permezz ta' attivitajiet ippjanati f'termini tal-objettivi tal-apprendiment u ż-żmien għall-apprendiment u fejn ikun hemm xi forma ta' appoġġ għall-apprendiment;

(12) "persuni b'inqas opportunitajiet" tfisser persuni li, għal raġunijiet ekonomiċi, soċjali, kulturali, ġeografiċi jew ta' saħħa, jew minħabba li jkunu ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni, jew għal raġunijiet bħal diżabbiltà jew diffikultajiet edukattivi, jew għal kwalunkwe raġuni oħra, inkluż raġuni li tista' tikkostitwixxi diskriminazzjoni skont l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jiffaċċjaw ostakli li ma jħalluhomx ikollhom aċċess effettiv għall-opportunitajiet fl-ambitu tal-Programm;

(13) "skular" tfisser persuna rreġistrata f'kapaċità ta' apprendiment f'istituzzjoni li tipprovdi edukazzjoni ġenerali fi kwalunkwe livell, mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal sal-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell, jew persuna li tiġi mgħallma barra minn ambjent istituzzjonali meqjusa mill-awtoritajiet kompetenti bħala eliġibbli biex tipparteċipa fil-Programm bħala skular fit-territorji rispettivi tagħhom;

(14) "persunal" tfisser persuna li, fuq bażi professjonali jew volontarja, tkun involuta fl-edukazzjoni, fit-taħriġ jew fl-apprendiment mhux formali u informali fil-livelli kollha, inkluż l-isport; din tinkludi persunal akkademiku, għalliema, ħarrieġa, mexxejja tal-iskejjel, persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, persunal tal-isport, persunal

tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, persunal mhux edukattiv u prattikanti oħra involuti fuq bażi regolari fil-promozzjoni tal-apprendiment;

(15) "pajjiż terz" tfisser pajjiż li mhuwiex Stat Membru tal-UE;

(16) "student tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali" tfisser persuna reġistrata fi programm ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali inizjali jew kontinwu fi kwalunkwe livell, mil-livell sekondarju sal-livell post-sekondarju, jew persuna li gradwat jew kisbet kwalifika minn tali programm reċentement;

(17) "volontarjat" tfisser attività bla ħlas li tindirizza l-isfidi tas-soċjetà jew umanitarji u li għandha komponent qawwi ta' apprendiment;

(18) "żgħażagħ" fil-qasam taż-żgħażagħ tfisser individwi ta' bejn it-13 u t-30 sena;

(19) "persuna li taħdem maż-żgħażagħ" tfisser persuna li, fuq bażi professjonali jew volontarja, tkun involuta fl-apprendiment mhux formali u tappoġġa liż-żgħażagħ fl-iżvilupp soċjoedukattiv u professjonali personali tagħhom u fl-iżvilupp tal-kompetenzi tagħhom; din tinkludi persuni li jippjanaw, imexxu, jikkoordinaw u jimplimentaw l-attivitajiet fil-qasam taż-żgħażagħ.

*Artikolu 3*

***Objettivi tal-Programm***

1. L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa li jikkontribwixxi għal Ewropa reżiljenti, kompetittiva u koeżiva billi jippromwovi apprendiment tul il-ħajja ta' kwalità għolja, isaħħaħ il-ħiliet u l-kompetenzi għall-ħajja u għall-impjiegi għal kulħadd, filwaqt li jrawwem il-valuri tal-Unjoni, il-parteċipazzjoni demokratika u soċjetali, is-solidarjetà, l-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet indaqs, fl-UE u lil hinn minnha. Il-Programm għandu jkun strument ewlieni għall-bini tal-Unjoni tal-Ħiliet, għall-iżvilupp taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni strateġika Ewropea fl-oqsma tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, inkluż l-aġendi settorjali sottostanti tagħha.

   Il-Programm se javvanza l-kooperazzjoni fil-politika dwar iż-żgħażagħ u se jkompli jiżviluppa d-dimensjoni Ewropea fl-isport. L-objettiv huwa t-trawwim ta' Ewropa aktar inklużiva, magħquda u robusta billi tingħata s-setgħa liż-żgħażagħ, jissaħħu r-rabtiet komunitarji, u tiġi promossa s-solidarjetà permezz ta' involviment u kooperazzjoni sinifikanti. L-isport jaqdi rwol vitali bħala xprun għall-inklużjoni soċjali, is-saħħa, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-komunità. Bl-investiment tiegħu fiż-żgħażagħ, fil-volontarjat u fl-isport, il-Programm għandu l-għan li jibni soċjetajiet aktar b'saħħithom u aktar konnessi, iħeġġeġ l-involviment ċiviku u demokratiku, u jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali fil-livelli kollha.

2. Il-Programm għandu l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

   (a) li jappoġġa t-titjib tal-edukazzjoni, tal-ħiliet u tal-kompetenzi billi jiddedika attenzjoni partikolari għar-rilevanza tagħhom fis-suq tax-xogħol kif ukoll għall-iżvilupp professjonali u t-tkabbir personali tal-individwi u għall-kontribuzzjoni tagħhom f'soċjetà kompetittiva, sostenibbli u koeżiva;

   (b) li jrawwem sens ta' identità Ewropea u ċittadinanza attiva, isaħħaħ is-solidarjetà u l-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà u d-demokrazija, iħalli impatt pożittiv fuq is-soċjetà, reżiljenza akbar u preparatezza aħjar biex jiġu antiċipati, evitati u indirizzati riskji ta' natura differenti;

   (c) li jrawwem il-kwalità, l-inklużjoni, l-ekwità, is-sostenibbiltà, il-kreattività, l-innovazzjoni, l-eċċellenza u l-kollaborazzjoni transfruntiera, isaħħaħ l-attraenza u l-kompetittività tal-Ewropa fil-livell dinji, fl-oqsma kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport;

   (d) li jinvolvi liż-żgħażagħ u jagħtihom is-setgħa li jakkwistaw u jiżviluppaw kompetenzi professjonali u personali, li jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà u d-demokrazija u jinvolvihom fil-proġett Ewropew;

   (e) li jappoġġa l-iżvilupp tal-politika, inkluż għaċ-ċirkolazzjoni tal-ħiliet, billi jħaffef ir-riformi u l-modernizzazzjoni fil-livell tas-sistemi, fl-oqsma kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport, filwaqt li jiżgura li dawn ikunu aktar effettivi, reżiljenti u inklużivi;

   (f) li jipprovdi liż-żgħażagħ opportunitajiet faċilment aċċessibbli biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà u attivitajiet umanitarji li jwasslu għal bidliet pożittivi fis-soċjetà tal-Unjoni, kif ukoll lil hinn

minnha permezz tal-istabbiliment tal-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja, filwaqt li jtejjeb u jivvalida kif suppost il-kompetenzi tagħhom, kif ukoll jiffaċilita l-involviment kontinwu tagħhom bħala ċittadini attivi;

(g) li jippromwovi l-Mudell Ewropew tal-Isport billi jinvesti fl-isport għad-dilettanti, speċjalment attivitajiet volontarji, billi jiżgura l-aċċessibbiltà, jippromwovi l-parteċipazzjoni, jipproteġi l-integrità, jappoġġa l-governanza tajba, u jsaħħaħ ir-rwol soċjali, edukattiv u komunitarju tal-isport, permezz ta' azzjonijiet li jiffukaw fuq il-bini ta' sistema sportiva ġusta, inklużiva u sostenibbli fl-Ewropa kollha.

3. L-objettivi tal-Programm għandhom jinkisbu permezz tal-pilastri li ġejjin, li prinċipalment għandhom karattru tranżnazzjonali jew internazzjonali:

(a) Opportunitajiet ta' apprendiment għal kulħadd;

(b) Appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet.

# KAPITOLU II

# AMBITU TAL-INTERVENT

## TAQSIMA 1

## OPPORTUNITAJIET TA' APPRENDIMENT GĦAL KULĦADD

*Artikolu 4*

***Opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment u ta' volontarjat***

1. Fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-Programm għandu jappoġġa:

(a) Il-mobbiltà tal-apprendiment tal-istudenti u l-persunal tal-edukazzjoni għolja;

(b) Il-mobbiltà tal-apprendiment tal-istudenti u l-persunal tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;

(c) Il-mobbiltà tal-apprendiment tal-iskulari u tal-persunal, inkluż il-persunal fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal;

(d) Il-mobbiltà tal-apprendiment tal-istudenti adulti u tal-persunal fl-apprendiment għall-adulti.

1. Fil-qasam taż-żgħażagħ, il-Programm għandu jappoġġa:

(a) Il-mobbiltà tal-apprendiment taż-żgħażagħ, inkluż DiscoverEU, l-attivitajiet li jappoġġaw il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u l-mobbiltà tal-apprendiment tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ;

(b) Il-volontarjat fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, inkluż il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja.

2. Fil-qasam tal-isport, il-Programm għandu jappoġġa l-mobbiltà tal-apprendiment tal-atleti u tal-persuni attivi fl-isport għad-dilettanti u l-mobbiltà tal-apprendiment tal-persunal tal-isport.

3. Il-mobbiltà tal-apprendiment skont dan l-Artikolu tista' tkun akkumpanjata minn:

(a) appoġġ għat-tagħlim u l-apprendiment dwar l-UE, inkluż l-integrazzjoni, il-valuri u ċ-ċittadinanza Ewropej;

(b) miżuri bħall-appoġġ lingwistiku, iż-żjarat preparatorji, it-taħriġ u l-kooperazzjoni virtwali.

*Artikolu 5*

***Opportunitajiet ta' żvilupp tat-talent u tal-eċċellenza***

Fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-Programm għandu jappoġġa:

(a) Il-boroż ta' studju ta' Erasmus+ f'oqsma edukattivi strateġiċi, inkluż fil-programmi ta' studju konġunti;

(b) Il-boroż ta' studju ta' Erasmus Mundus;

(c) L-azzjonijiet Jean Monnet fil-qasam tal-edukazzjoni għolja;

(d) Is-sostenn għall-istituzzjonijiet Jean Monnet li ġejjin li għandhom għan ta' interess Ewropew: l-Istitut Universitarju Ewropew, Firenze, inkluż l-Iskola tal-Governanza Tranżnazzjonali tiegħu; il-Kulleġġ tal-Ewropa (Bruges, inkluż is-sussidjarja tiegħu f'Tirana, u l-kampusijiet ta' Natolin); l-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika, Maastricht; l-Akkademja tal-Liġi Ewropea, Trier; l-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni inklużiva, Odense; u ċ-Ċentru Internazzjonali għat-Taħriġ Ewropew, Nizza.

## TAQSIMA 2

## APPOĠĠ GĦALL-BINI TAL-KAPAĊITAJIET

*Artikolu 6*

***Kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet***

Il-Programm għandu jappoġġa:

(a) Is-sħubijiet għall-kooperazzjoni, inkluż is-sħubijiet fuq skala żgħira biex jitrawwem aċċess usa' u aktar inklużiv għall-Programm;

(b) Is-sħubijiet għall-eċċellenza u l-innovazzjoni, li jibbażaw fuq l-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali, l-Akkademji Ewropej tal-Għalliema, l-Alleanzi tal-Iskejjel Ewropej, il-programmi ta' studju konġunti, Żgħażagħ Ewropej Flimkien, u l-Alleanzi Kollaborattivi għall-Isport.

*Artikolu 7*

***Appoġġ għall-iżvilupp tal-politika***

Il-Programm għandu jappoġġa:

(a) L-esperimentazzjoni, it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-aġendi u l-għodod politiċi tal-Unjoni li jkopru l-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport[55];

(b) L-implimentazzjoni tal-Programm inkluż is-sinerġiji ma'politiki u programmi oħra tal-Unjoni, u l-appoġġ għalihom, il-pjattaformi online, l-għodod għall-kooperazzjoni virtwali u l-għodod biex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-apprendiment;

(c) It-tixrid u l-komunikazzjoni.

[55] B'mod partikolari: il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK); il-Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (EQAVET, European Quality Assurance Reference Framework for Vocational Education and Training); ir-Reġistru Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja (EQAR, European Quality Assurance Register for Higher Education); in-Network Ewropew ta' Ċentri ta' Informazzjoni fir-Reġjun Ewropew (ENIC, Network of Information Centres in the European Region) u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar ir-Rikonoxximent Akkademiku (NARIC, National Academic Recognition Information Centres in the European Union), in-network Euroguidance, il-qafas u l-għodod komuni għall-għoti ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (Europass), in-Network Eurydice, il-koordinaturi nazzjonali għall-apprendiment għall-adulti, servizzi ċentrali u nazzjonali ta' appoġġ għall-pjattaformi online, iż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA, European Higher Education Area) u l-punti ta' referenza nazzjonali għall-monitoraġġ tal-perkors tal-gradwati, in-network wiki taż-żgħażagħ, in-network Eurodesk, il-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ, il-Youthpass, il-gruppi ta' ħidma nazzjonali li jimplimentaw id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ, u l-korpi nazzjonali ta' koordinazzjoni li jimplimentaw il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport fil-livell nazzjonali.

# KAPITOLU III

# INKLUŻJONI U DIVERSITÀ

*Artikolu 8*

***Miżuri ta' appoġġ għall-inklużjoni u d-diversità***

1. Meta jimplimentaw dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm għandhom jiżguraw approċċ inklużiv fl-attivitajiet kollha.

4. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm għandhom jieħdu miżuri effettivi biex jippromwovu l-inklużjoni, id-diversità u l-ġustizzja, is-solidarjetà, u l-opportunitajiet indaqs, b'mod partikolari biex jiżguraw li fil-Programm jipparteċipaw persuni b'inqas opportunitajiet.

5. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-aċċess għall-Programm minn età bikrija u indipendentement mill-isfond soċjoekonomiku. Biex dan jinkiseb, għandha tiżgura l-forniment ta' miżuri biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-persuni b'inqas opportunitajiet, inkluż mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju, meta jkun rilevanti.

6. Il-Kummissjoni tista' taġġusta, jew tawtorizza lill-aġenziji nazzjonali, imsemmija fl-Artikolu 19, jaġġustaw, abbażi ta' kriterji oġġettivi, il-mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju għat-titjib tal-aċċess għall-persuni b'inqas opportunitajiet.

7. Il-kostijiet tal-miżuri li jiffaċilitaw jew jappoġġaw il-parteċipazzjoni ta' persuni b'inqas opportunitajiet ma għandhomx jiġġustifikaw ir-rifjut ta' applikazzjoni fl-ambitu tal-Programm.

8. L-aġenziji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19 għandhom jiżviluppaw jew jaġġornaw, meta jkun rilevanti, il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-inklużjoni u d-diversità, abbażi tal-qafas, u b'attenzjoni partikolari għall-isfidi speċifiċi għall-aċċess tal-Programm fil-kuntesti nazzjonali. Il-pjanijiet nazzjonali għall-inklużjoni u d-diversità għandhom jiffurmaw parti integrali mid-dokumenti tal-ippjanar tal-aġenziji nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 19(2).

9. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja fuq bażi regolari l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' inklużjoni u diversità, inkluż il-pjanijiet nazzjonali għall-inklużjoni u d-diversità.

# KAPITOLU IV

# DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

*Artikolu 9*

***Baġit***

1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028–2034 huwa stabbilit għal EUR 40 827 000 000 fil-prezzijiet attwali.

2. Apparti l-ammonti stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u sabiex tiġi promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-Programm, għandha ssir disponibbli kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali mir-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Ewropa Globali] biex tappoġġa l-azzjonijiet implimentati u ġestiti f'konformità ma' dan ir-Regolament. Tali kontribuzzjoni għandha ssir f'konformità ma' dokument uniku ta' programmazzjoni mfassal skont ir-Regolament (UE) XXX [Ewropa Globali].

10. L-approprjazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni minn wara l-2034 biex ikopru l-ispejjeż meħtieġa u biex jippermettu l-ġestjoni tal-azzjonijiet li ma jkunux tlestew sa tmiem il-Programm.

11. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 10 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal pereżempju attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni, sistemi u pjattaformi speċifiċi u korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, attivitajiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.

*Artikolu 10*

***Riżorsi addizzjonali***

1. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, il-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew partijiet terzi oħra, jistgħu jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji jew mhux finanzjarji addizzjonali għall-Programm. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali għandhom jikkostitwixxu d-dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a), (d) jew (e), jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

12. Riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq talba tagħhom, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament jew indirettament f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (a) jew (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dawn għandhom jiżdiedu mal-ammont imsemmi fl-Artikolu 9(1). Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali taħt ġestjoni diretta jew indiretta għal ammonti addizzjonali magħmula disponibbli b'dan il-mod għall-Programm, l-ammonti mhux impenjati korrispondenti jistgħu, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti lura għal programm sors rispettiv wieħed jew aktar jew għas-suċċessuri tagħhom.

*Artikolu 11*

***Finanzjament alternattiv, ikkombinat u kumulattiv***

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi anke kontribuzzjoni fl-ambitu tal-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista'

jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-kostijiet eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata* f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

13. Il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni fl-ambitu tal-Programm jistgħu jitwettqu b'mod konġunt taħt ġestjoni diretta jew indiretta mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, mal-pajjiżi terzi, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew ma' partijiet terzi oħra ("sħab tal-proċedura ta' aġġudikazzjoni konġunta"), dment li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab għall-proċedura ta' aġġudikazzjoni konġunta jistgħu jagħmlu r-riżorsi disponibbli għall-Programm f'konformità mal-Artikolu 10, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' aġġudikazzjoni, meta applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fi proċeduri ta' aġġudikazzjoni konġunti, ir-rappreżentanti tas-sħab għall-proċedura ta' aġġudikazzjoni konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, EURATOM) 2024/2509.

*Artikolu 12*

***Implimentazzjoni u forom ta' finanzjament tal-Unjoni***

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, taħt ġestjoni diretta jew ġestjoni indiretta mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament.

14. Il-fondi implimentati taħt ġestjoni indiretta fi Stat Membru għandhom jiġu allokati abbażi ta' dan li ġej:

    (a) il-popolazzjoni u l-għoli tal-ħajja tal-Istat Membru kkonċernat;

    (b) id-distanza bejn il-bliet kapitali tal-Istati Membri;

    (c) il-prestazzjoni, ikkalkulata abbażi tal-aktar data reċenti disponibbli.

15. Il-Kummissjoni għandha tkompli tispeċifika dawk il-kriterji u l-formuli sottostanti tagħhom fil-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 15.

16. Il-finanzjament tal-Unjoni jista' jingħata fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet, akkwist, u donazzjonijiet mhux finanzjarji.

17. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, il-finanzjament għandu jingħata bħala finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jew, meta jkun meħtieġ, opzjonijiet ta' kostijiet issimplifikati, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-finanzjament jista' jingħata fil-forma ta' rimborż reali tal-kost eliġibbli, meta l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jinkisbu mod ieħor biss.

18. Għall-fini tal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kumitat tal-evalwazzjoni jista' jkun magħmul parzjalment jew kompletament minn esperti esterni indipendenti.

19. L-entitajiet legali pubbliċi, u l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport li rċevew aktar minn 50 % tad-dħul annwali tagħhom minn sorsi pubbliċi matul dawn l-aħħar sentejn, għandhom jitqiesu li għandhom il-kapaċità finanzjarja u operazzjonali meħtieġa biex iwettqu attivitajiet fl-ambitu tal-Programm. Ma għandhomx għalfejn jippreżentaw aktar dokumentazzjoni biex juru dik il-kapaċità.

# KAPITOLU V

## PARTEĊIPAZZJONI FIL-PROGRAMM

*Artikolu 13*

***Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm***

1. Il-Programm jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal dawn li ġejjin:

   (a) il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll il-mikrostati Ewropej;

   (b) il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u dawk kandidati potenzjali;

   (c) il-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat;

   (d) pajjiżi terzi oħra.

20. Il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni għall-parteċipazzjoni fil-Programm:

   (a) għandhom jiżguraw bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiż terz li jkun qiegħed jipparteċipa fil-Programm;

   (b) għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-programmi, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, li jikkonsistu minn kontribuzzjoni operazzjonali u tariffa ta' parteċipazzjoni, għal programm u l-kostijiet amministrattivi ġenerali tiegħu;

   (c) ma għandhomx jagħtu lill-pajjiż terz xi setgħa ta' teħid tad-deċiżjonijiet fil-Programm;

   (d) għandhom jiggarantixxu d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tħares l-interessi finanzjarji tagħha;

   (e) għandhom, meta jkun rilevanti, jiżguraw l-interessi relatati mal-ħarsien tas-sigurtà u tal-ordni pubbliku tal-Unjoni.

   Għall-finijiet tal-punt (d), il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolamenti (UE, Euratom) 2024/2509 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, u jiggarantixxi li d-deċiżjonijiet ta' infurzar li jimponu obbligu pekunarju abbażi tal-Artikolu 299 TFUE, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu infurzabbli.

*Artikolu 14*

***Eliġibbiltà***

1. Għandhom jiġu stabbiliti kriterji ta' eliġibbiltà biex jappoġġaw il-ksib tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

21. Fil-proċeduri ta' aġġudikazzjoni taħt ġestjoni diretta u indiretta, waħda jew iktar mill-entitajiet legali li ġejjin jistgħu jkunu eliġibbli biex jirċievu finanzjament tal-Unjoni:

(a) l-entitajiet stabbiliti fi Stat Membru;

(b) l-entitajiet stabbiliti f'pajjiż terz assoċjat;

(c) l-organizzazzjonijiet internazzjonali;

(d) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati fejn il-finanzjament ta' tali entitajiet huwa essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.

22. Minbarra l-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-pajjiżi terzi assoċjati msemmija fl-Artikolu 13(1) jistgħu, meta jkun rilevanti, jipparteċipaw fi kwalunkwe mekkaniżmu tal-akkwist stabbilit fl-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u jibbenefikaw minnu. Ir-regoli applikabbli għall-Istati Membri għandhom jiġu applikati, *mutatis mutandis*, għall-pajjiżi terzi assoċjati parteċipanti.

23. Il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni li jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-assi u tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, għandhom ikunu ristretti f'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

24. Il-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 jew id-dokumenti relatati mal-proċedura ta' aġġudikazzjoni jistgħu jkomplu jispeċifikaw il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament jew jistabbilixxu kriterji ta' eliġibbiltà addizzjonali għal azzjonijiet speċifiċi.

# KAPITOLU VI

# PROGRAMMAZZJONI

*Artikolu 15*

***Programm ta' ħidma***

Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

# KAPITOLU VII

# KOMUNIKAZZJONI U TIXRID

*Artikolu 16*

***Informazzjoni, komunikazzjoni u tixrid***

1. F'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, l-aġenziji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19 għandhom jiżviluppaw strateġija għal komunikazzjoni konsistenti fir-rigward tal-ilħuq tan-nies effettiv u tat-tixrid u l-isfruttament tar-riżultati tal-attivitajiet appoġġati fl-ambitu tal-azzjonijiet li jiġġestixxu fil-Programm. L-awtoritajiet nazzjonali msemmija fl-Artikolu 18 għandhom jappoġġaw lill-aġenziji nazzjonali fl-isfruttament tar-riżultati ta' proġetti b'potenzjal għoli li jħallu impatt.

25. L-aġenziji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19 għandhom jassistu lill-Kummissjoni fil-kompitu ġenerali tagħha li xxerred informazzjoni dwar il-Programm, inkluż informazzjoni fir-rigward tal-azzjonijiet u l-attivitajiet ġestiti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, u r-riżultati tiegħu. L-aġenziji nazzjonali għandhom jinfurmaw lill-gruppi fil-mira rilevanti dwar l-azzjonijiet u l-attivitajiet imwettqa fil-pajjiżi rispettivi tagħhom.

26. L-azzjonijiet u l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu implimentati f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inkluż ir-regoli applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni rigward l-obbligi relatati mal-informazzjoni, mal-komunikazzjoni u mal-viżibbiltà, fosthom, b'mod partikolari, l-obbligi tal-benefiċjarji u tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni.

# KAPITOLU VIII

# SISTEMA TA' ĠESTJONI U TA' AWDITJAR

*Artikolu 17*

***Arranġamenti għal ġestjoni indiretta fil-livell nazzjonali***

1. F'konformità mal-Artikolu 157(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament ( UE, Euratom) 2024/2509, l-implimentazzjoni tal-Programm taħt ġestjoni indiretta tirrikjedi l-ħatra ta' awtorità nazzjonali u ta' aġenzija nazzjonali, kif speċifikat fl-Artikoli 18 u 19.

2. Kemm l-awtorità nazzjonali kif ukoll l-aġenzija nazzjonali għandhom jitqiesu bħala korpi ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 62(1), il-punt (c), tar-Regolament Finanzjarju, fil-limiti tar-responsabbiltà tagħhom fejn jidħlu l-kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit kif maqbul mal-Kummissjoni, iżda l-awtorità nazzjonali hija dik prinċipalment responsabbli fil-konfront tal-Kummissjoni mill-implimentazzjoni kumplessiva tal-fondi tal-UE min-naħa tal-aġenzija nazzjonali li hija taħtar u tissorvelja, kif imsemmi fl-Artikolu 18(10).

*Artikolu 18*

***Awtorità nazzjonali***

1. L-Istati Membri u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, permezz tar-Rappreżentanza Permanenti jew tal-Missjoni tagħhom għall-Unjoni Ewropea, dwar il-korp irregolat bid-dritt pubbliku maħtur bħala l-awtorità nazzjonali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, u l-persuna jew persuni legalment awtorizzati li jaġixxu f'isimha.

27. L-awtorità nazzjonali għandha taħtar aġenzija nazzjonali għat-tul tal-Programm u tinnotifika lill-Kummissjoni dwar dan. L-awtorità nazzjonali ma għandhiex taħtar ministeru bħala aġenzija nazzjonali, u l-aġenzija nazzjonali għandha tkun separata mill-awtorità nazzjonali, mil-lat organizzattiv.

28. L-awtorità nazzjonali għandha taħtar korp tal-awditjar indipendenti kif imsemmi fl-Artikolu 21.

29. L-awtorità nazzjonali għandha tipprovdi lill-Kummissjoni valutazzjoni *ex ante* xierqa li l-aġenzija nazzjonali tissodisfa r-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Artikolu 157(1) sa (5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u r-rekwiżiti tal-Unjoni għall-istandards ta' kontroll intern għall-aġenziji nazzjonali u r-regoli għall-ġestjoni tal-fondi tal-Programm.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, għandhom japplikaw l-arranġamenti li ġejjin:

(a) għall-proċeduri speċifikament meħtieġa mill-Kummissjoni, inkluż il-proċeduri tagħha stess u dawk speċifikati f'dan ir-Regolament, ma għandha ssir l-ebda valutazzjoni *ex ante* f'konformità mal-Artikolu 157(7), il-punt (b), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509;

(b) għal proċeduri għajr dawk speċifikati fil-punt (a), l-awtorità nazzjonali għandha tagħmel valutazzjoni *ex ante*, li għandha tkun ibbażata fuq il-kontrolli u l-awditi tagħha stess jew fuq il-kontrolli u l-awditi mwettqa mill-korp tal-awditjar indipendenti;

(c) meta l-aġenzija nazzjonali maħtura għall-Programm tkun l-istess bħall-aġenzija nazzjonali maħtura f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888, l-ambitu tal-valutazzjoni *ex ante* għandu jkun limitat għar-rekwiżiti li huma ġodda, sakemm ma jkunx iġġustifikat mod ieħor.

30. Fil-każ li l-Kummissjoni tirrifjuta l-ħatra tal-aġenzija nazzjonali abbażi tal-evalwazzjoni tagħha tal-valutazzjoni *ex ante*, jew jekk l-aġenzija nazzjonali ma tikkonformax mar-rekwiżiti minimi stabbiliti mill-Kummissjoni, l-awtorità nazzjonali għandha tiżgura li jittieħdu l-passi ta' rimedju meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità, soġġett għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni, jew għandha taħtar korp ieħor bħala aġenzija nazzjonali. F'każijiet eċċezzjonali fejn aġenzija nazzjonali ma tibqax topera jew teżisti u l-awtorità nazzjonali nnifisha twettaq il-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit f'konformità ma' dan ir-Regolament u l-ftehimiet rilevanti tiegħu, hija għandha tiġi eżentata mill-valutazzjoni *ex ante*.

31. L-awtorità nazzjonali għandha tipprovdi kofinanzjament adegwat, mill-inqas ekwivalenti għall-kontribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 20(5), il-punt (b), għall-operazzjonijiet tal-aġenzija nazzjonali tagħha biex tiżgura li l-Programm jiġi ġestit f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni.

32. L-awtorità nazzjonali għandha tiżgura li l-ħatriet ta' persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-aġenzija nazzjonali jkunu ġġustifikati min-natura tal-azzjoni, isegwu regoli u proċeduri ġusti u trasparenti u ma jwasslux għal kunflitt ta' interess. Fil-każ ta' tħassib serju dwar il-konformità ma' dawn il-prinċipji, il-Kummissjoni tista' tirrifjuta l-ħatra proposta u titlob lill-awtorità nazzjonali tiżgura li l-proċedura ta' selezzjoni tiġi ripetuta.

33. L-awtorità nazzjonali għandha timmonitorja u tissorvelja l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit fdati lill-aġenzija nazzjonali tagħha. Hija għandha tinforma u tikkonsulta lill-Kummissjoni fi żmien xieraq qabel ma tieħu kwalunkwe deċiżjoni li jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-ġestjoni tal-Programm u tal-fondi tal-Programm.

34. Kull sena, l-awtorità nazzjonali għandha tipprovdi lill-Kummissjoni rapport dwar l-attivitajiet tagħha ta' monitoraġġ u superviżjoni u, fejn xieraq, dikjarazzjoni dwar is-segwitu tagħha għal kwalunkwe osservazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni b'reazzjoni għal tali rapport.

35. L-awtorità nazzjonali għandha tieħu u żżomm ir-responsabbiltà għall-ġestjoni tajba tal-fondi tal-Unjoni ttrasferiti mill-Kummissjoni lill-aġenzija nazzjonali fil-qafas tal-Programm.

36. Fil-każ ta' kwalunkwe irregolarità, negliġenza jew frodi attribwibbli lill-aġenzija nazzjonali, jew ta' nuqqasijiet serji, obbligazzjonijiet jew prestazzjoni agħar minn dik mistennija min-naħa tal-aġenzija nazzjonali, fejn kwalunkwe wieħed minn dawn il-każijiet jagħti lok għal pretensjonijiet mill-Kummissjoni kontra l-aġenzija nazzjonali, l-awtorità nazzjonali għandha tirrimborża u tindennizza lill-Kummissjoni għal tali pretensjonijiet.

37. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 11, l-awtorità nazzjonali tista', fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Kummissjoni, tirrevoka l-mandat tal-aġenzija nazzjonali. Meta l-awtorità nazzjonali tkun tixtieq tirrevoka dak il-mandat għal kwalunkwe raġuni ġustifikata oħra, hija għandha tinnotifika lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel id-data prevista ta' tmiem il-mandat. F'każijiet bħal dawn, l-awtorità nazzjonali u l-Kummissjoni għandhom jaqblu formalment dwar miżuri ta' tranżizzjoni speċifiċi u limitati fiż-żmien.

38. Fil-każ ta' revoka kif imsemmi fil-paragrafu 12, l-awtorità nazzjonali għandha twettaq il-kontrolli meħtieġa rigward il-fondi tal-Unjoni fdati lill-aġenzija nazzjonali li l-mandat tagħha jkun ġie revokat u għandha tiżgura li dawk il-fondi u d-dokumenti u l-għodod ta' ġestjoni kollha meħtieġa għall-ġestjoni tal-Programm jiġu ttasferiti lill-aġenżija nazzjonali l-ġdida bla tfixkil. L-awtorità nazzjonali għandha tipprovdi lill-aġenzija nazzjonali li l-mandat tagħha jkun ġie revokat, l-appoġġ finanzjarju meħtieġ biex tkompli tissodisfa l-obbligi kuntrattwali tagħha fil-konfront tal-benefiċjarji tal-Programm u tal-Kummissjoni sakemm isir it-trasferiment ta' dawk l-obbligi lil aġenzija nazzjonali ġdida. Jekk ikun hemm perjodu tranżizzjonali bejn ir-revoka ta' dan il-mandat u l-ħatra ta' aġenzija nazzjonali ġdida kif aċċettat mill-Kummissjoni, l-awtorità nazzjonali għandha, matul tali perjodu, tkun responsabbli għall-obbligi kollha tal-aġenzija nazzjonali kif stabbilit f'dan ir-Regolament u għall-obbligi kuntrattwali pendenti kollha tagħha fil-konfront tal-benefiċjarji tal-Programm u l-Kummissjoni.

39. Meta aġenzija nazzjonali ma tibqax topera jew teżisti u l-ebda aġenzija nazzjonali ġdida ma tinħatar bħala riżultat tal-ħruġ ta' pajjiż terz mill-Programm, l-awtorità nazzjonali għandha tkun prinċipalment responsabbli għall-obbligi kollha tal-aġenzija nazzjonali u għat-twettiq u l-għeluq tal-obbligi kuntrattwali pendenti kollha fil-konfront tal-benefiċjarji tal-Programm u tal-Kummissjoni.

40. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-awtorità nazzjonali għandha taħtar l-istituzzjonijiet jew l-organizzazzjonijiet, jew it-tipi ta' tali istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet eliġibbli li jipparteċipaw f'azzjoni tal-Programm fit-territorju tagħha.

41. L-awtorità nazzjonali għandha tippromwovi u tiffaċilita sinerġiji u komplementarjetajiet effettivi ma' fondi jew programmi reġjonali, nazzjonali jew tal-Unjoni oħra.

42. L-awtorità nazzjonali għandha tiżgura li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u xierqa biex jitneħħa kwalunkwe ostaklu legali u amministrattiv għall-funzjonament tajjeb tal-Programm, inklużi miżuri mmirati lejn l-allinjament tal-istatus tal-parteċipanti fil-Programm ma' dak ta' ċittadini oħra fl-istess sitwazzjoni jew lejn l-indirizzar tad-diffikultajiet fil-kisba ta' viżi jew permessi ta' residenza.

*Artikolu 19*

***Aġenzija nazzjonali***

1. L-aġenzija nazzjonali:

   (a) għandha tkun korp skont it-tifsira tal-Artikolu 62(1), il-punt (c), (v) jew (vi), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u tkun irregolata mid-dritt tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz assoċjat mal-Programm ikkonċernat;

(b) għandu jkollha l-kapaċità ta' ġestjoni, il-persunal u l-infrastrutturi adegwati biex tissodisfa l-kompiti tagħha b'mod sodisfaċenti, filwaqt li tiżgura ġestjoni effiċjenti u effettiva tal-Programm u ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-Unjoni;

(c) għandu jkollha l-mezzi operazzjonali u legali biex tapplika r-regoli amministrattivi, kuntrattwali u ta' ġestjoni finanzjarja stabbiliti fil-livell tal-Unjoni;

(d) għandu jkollha l-għarfien espert meħtieġ biex timplimenta b'mod effettiv l-azzjonijiet fis-setturi kollha tal-Programm li għalihom tirċievi kontribuzzjoni tal-Unjoni;

(e) għandha toffri, jekk ikun meħtieġ mill-Kummissjoni, garanziji finanzjarji adegwati, preferibbilment maħruġa minn awtorità pubblika, li jikkorrispondu għal-livell ta' fondi tal-Unjoni li hi mitluba tiġġestixxi.

43. L-aġenzija nazzjonali għandha tippjana b'mod adegwat il-kompiti tagħha għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet rilevanti kif stabbilit fil-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 15 u l-ftehimiet rilevanti mal-Kummissjoni, kif ukoll għall-attivitajiet ta' informazzjoni, komunikazzjoni u tixrid imsemmija fl-Artikolu 16(2).

44. L-aġenzija nazzjonali għandha tiġġestixxi l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett tal-azzjonijiet tal-Programm taħt ir-responsabbiltà tagħha f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u l-ftehimiet rilevanti mal-Kummissjoni.

45. L-aġenzija nazzjonali għandha toħroġ appoġġ ta' għotja lill-benefiċjarji skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (5), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 permezz ta' ftehimiet ta' għotja kif speċifikat mill-Kummissjoni għall-azzjoni tal-Programm ikkonċernata.

46. L-aġenzija nazzjonali ma għandhiex, mingħajr awtorizzazzjoni bil-miktub minn qabel mill-awtorità nazzjonali u mill-Kummissjoni, tiddelega kwalunkwe kompitu relatat mal-Programm jew mal-implimentazzjoni tal-baġit mogħti lilha lil parti terza. L-aġenzija nazzjonali għandha żżomm ir-responsabbiltà unika għal kwalunkwe kompiti delegati lil parti terza.

47. Kull sena, l-aġenzija nazzjonali għandha tipprovdi lill-awtorità nazzjonali tagħha u lill-Kummissjoni dikjarazzjoni ta' ġestjoni, rapport u kwalunkwe dokument ieħor kif meħtieġ f'konformità mal-Artikolu 158 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

48. L-aġenzija nazzjonali għandha timplimenta, fi żmien xieraq, l-osservazzjonijiet maħruġa mill-Kummissjoni wara l-analiżi tagħha tad-dikjarazzjoni u r-rapport ta' ġestjoni annwali u tal-opinjoni tal-awditjar indipendenti dwarhom.

*Artikolu 20*

***Il-Kummissjoni Ewropea***

1. Abbażi tar-rekwiżiti ta' konformità għall-aġenziji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 18(4), il-Kummissjoni għandha tirrieżamina s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll nazzjonali, billi tuża b'mod partikolari l-valutazzjoni *ex ante* pprovduta mill-awtorità nazzjonali, id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni annwali tal-aġenzija nazzjonali u l-opinjoni tal-korp tal-awditjar indipendenti dwarha, u r-rapport annwali tal-awtorità nazzjonali msemmi fl-Artikolu 18(9).

49. Abbażi tal-valutazzjoni *ex ante* msemmija fl-Artikolu 18(4), il-Kummissjoni għandha taċċetta b'mod kundizzjonali jew tirrifjuta l-ħatra tal-aġenzija nazzjonali. Il-Kummissjoni ma għandhiex tidħol f'relazzjoni kuntrattwali mal-aġenzija nazzjonali qabel ma tkun aċċettat il-valutazzjoni *ex ante* bħala sodisfaċenti jew tkun ħadet miżuri superviżorji xierqa f'konformità mal-Artikolu 157(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fil-każ ta' aċċettazzjoni kundizzjonali, il-Kummissjoni tista' tapplika miżuri proporzjonati ta' prekawzjoni għar-relazzjoni kuntrattwali tagħha mal-aġenzija nazzjonali. Meta l-aġenzija nazzjonali ma tibqax tikkonforma mar-rekwiżiti minimi, il-Kummissjoni tista' tissospendi r-relazzjoni kuntrattwali tagħha mal-aġenzija nazzjonali sakemm tittieħed azzjoni ta' rimedju biex tiġi żgurata l-konformità, u fin-nuqqas ta' dan hija tista' titlob lill-awtorità nazzjonali tirrevoka l-mandat tal-aġenzija nazzjonali u taħtar waħda ġdida, soġġett għal valutazzjoni *ex ante* pożittiva.

50. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-aġenziji nazzjonali informazzjoni u gwida xierqa biex tiżgura l-implimentazzjoni u l-ġestjoni konsistenti u ta' kwalità għolja tal-Programm. B'mod partikolari, għandha tispeċifika l-arranġamenti tal-ippjanar, tal-ġestjoni tal-proġetti u tar-rappurtar u tiżgura li dawn l-arranġamenti jsegwu proċeduri sempliċi.

51. Il-Kummissjoni ma għandhiex tagħmel il-fondi tal-Programm disponibbli għall-aġenzija nazzjonali qabel ma tkun approvat id-dokumenti tal-ippjanar tagħha f'konformità mal-Artikolu 19(2).

52. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-fondi tal-Programm li ġejjin disponibbli għall-aġenzija nazzjonali:

   (a) kontribuzzjoni għall-appoġġ ta' għotja għall-azzjonijiet tal-Programm li l-ġestjoni tagħhom hija fdata lill-aġenzija nazzjonali;

   (b) kontribuzzjoni b'appoġġ għall-kompiti ta' ġestjoni tal-Programm tal-aġenzija nazzjonali;

   (c) jekk rilevanti, kontribuzzjoni addizzjonali għall-azzjonijiet skont l-Artikolu 7, il-punti (a) u (b).

53. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-awtorità nazzjonali u lill-aġenzija nazzjonali l-eżitu tal-analiżi u l-osservazzjonijiet tagħha dwar ir-rapport u d-dikjarazzjoni ta' ġestjoni annwali kif imsemmi fl-Artikoli 18(9) u 19(6) u dwar l-opinjoni tal-awditjar, kif imsemmi fl-Artikolu 21(2).

54. Meta l-Kummissjoni ma taċċettax id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni annwali jew l-opinjoni tal-awditjar indipendenti dwarha, jew fil-każ ta' implimentazzjoni mhux sodisfaċenti tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni min-naħa tal-aġenzija nazzjonali, il-Kummissjoni tista' timplimenta kwalunkwe miżura prekawzjonarja u korrettiva meħtieġa biex tissalvagwardja l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 132 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

55. Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ u żżomm djalogu attiv u kooperazzjoni mal-aġenziji nazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali u bejniethom, inkluż l-iskambju u t-trasferiment tal-prattiki tajba, bil-ħsieb li ttejjeb u tiżgura l-implimentazzjoni u l-ġestjoni konsistenti tal-Programm. Għandha tiżgura wkoll li jkun hemm fis-seħħ kundizzjonijiet xierqa għal skambju effettiv tal-informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-aġenziji nazzjonali jew korpi u entitajiet oħra li jimplimentaw il-Programm.

56. Il-Kummissjoni għandha twassal is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni meħtieġa biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Programm stabbiliti fl-Artikolu 3, inkluż għall-ġestjoni indiretta.

*Artikolu 21*

***Korp tal-awditjar indipendenti***

1. Il-korp tal-awditjar indipendenti għandu:

   (a) ikollu l-kompetenza professjonali meħtieġa biex iwettaq awditi tas-settur pubbliku;

   (b) jiżgura li l-awditi tiegħu jqisu l-istandards tal-awditjar aċċettati fil-livell internazzjonali;

   (c) ma jkunux f'pożizzjoni ta' kunflitt ta' interess fir-rigward tal-entità legali li l-aġenzija nazzjonali tifforma parti minnha; b'mod partikolari, il-korp tal-awditjar indipendenti għandu jkun indipendenti, f'termini tal-funzjonijiet tiegħu, mill-entità legali li l-aġenzija nazzjonali tifforma parti minnha.

2. Il-korp tal-awditjar indipendenti għandu joħroġ opinjoni tal-awditjar dwar id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni annwali kif imsemmi fl-Artikolu 158(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Din għandha tifforma l-bażi tal-assigurazzjoni kumplessiva skont l-Artikolu 127 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

3. Il-korp tal-awditjar indipendenti għandu jagħti lill-Kummissjoni u lir-rappreżentanti tagħha u lill-Qorti tal-Awdituri aċċess sħiħ għad-dokumenti u r-rapporti kollha b'appoġġ għall-opinjoni tal-awditjar li joħroġ dwar id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni annwali tal-aġenzija nazzjonali.

*Artikolu 22*

***Prinċipji tas-sistema ta' kontroll***

1. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-kontrolli superviżorji fir-rigward tal-azzjonijiet u tal-attivitajiet tal-Programm ġestiti mill-aġenziji nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-kontrolli mill-aġenzija nazzjonali u mill-korp tal-awditjar indipendenti.

57. L-aġenzija nazzjonali għandha tkun responsabbli għall-kontrolli primarji tal-benefiċjarji tal-għotjiet għall-azzjonijiet li tiġġestixxi kif stabbilit fil-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 15. Dawn il-kontroll għandhom jagħtu assigurazzjoni raġonevoli li l-għotjiet mogħtija jintużaw kif maħsub u f'konformità mar-regoli tal-Unjoni applikabbli.

58. Fir-rigward tal-fondi tal-Programm ittrasferiti lill-aġenziji nazzjonali, il-Kummissjoni għandha tiżgura koordinazzjoni kif suppost tal-kontrolli tagħha mal-awtoritajiet nazzjonali u mal-aġenziji nazzjonali, abbażi tal-prinċipju ta' awditu uniku u ta' analiżi bbażata fuq ir-riskju.

## KAPITOLU IX

# DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI

*Artikolu 23*

***Tħassir***

Ir-Regolament (UE) 2021/817 u r-Regolament (UE) 2021/888 jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2028.

*Artikolu 24*

***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali***

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa t-tkomplija jew il-modifika tal-azzjonijiet ikkonċernati, sal-għeluq tagħhom, skont ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888, li għandhom ikomplu japplikaw għall-azzjonijiet ikkonċernati sal-għeluq tagħhom.

59. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm jista' jkopri wkoll l-ispejjeż marbuta mal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888.

60. Fil-livell nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw it-tranżizzjoni mingħajr xkiel bejn l-azzjonijiet imwettqa skont ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888 u dawk li għandhom jiġu implimentati fl-ambitu ta' dan il-Programm.

*Artikolu 25*

***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA


1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..... 3
1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva ..... 3
1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) ..... 3
1.3. Objettiv(i) ..... 3
1.3.1. Objettiv(i) ġenerali ..... 3
1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi ..... 3
1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija ..... 3
1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni ..... 3
1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': ..... 4
1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva ..... 4
1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva ..... 4
1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. ..... 4
1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi ..... 4
1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra ..... 5
1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni ..... 5
1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha ..... 6
1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) ..... 6
2. MIŻURI TA' ĠESTJONI ..... 8
2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar ..... 8
2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll ..... 8
2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta ..... 8
2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom ..... 8
2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) ..... 8
2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet ..... 9
3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..... 10

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i ........ 10
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet ........ 12
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali ........ 12
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ........ 12
3.2.1.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern ........ 17
3.2.2. Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali ........ 22
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi ........ 24
3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ........ 24
3.2.3.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern ........ 24
3.2.3.3. Total tal-approprjazzjonijiet ........ 24
3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani ........ 25
3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat ........ 25
3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern ........ 26
3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani ........ 26
3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali28
3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali ........ 28
3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi ........ 28
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul ........ 29
42 DIMENSJONIJIET DIĠITALI ........ 29
4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali ........ 30
4.2. Data ........ 30
4.3. Soluzzjonijiet diġitali ........ 31
4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà ........ 31
4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali ........ 32

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Erasmus+ għall-perjodu 2028–2034

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

L-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport

### 1.3. Objettiv(i)

#### *1.3.1. Objettiv(i) ġenerali*

L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa li jikkontribwixxi għal Ewropa reżiljenti, kompetittiva u koeżiva billi jippromwovi apprendiment tul il-ħajja ta' kwalità għolja, isaħħaħ il-ħiliet u l-kompetenzi għall-ħajja u għall-impjiegi għal kulħadd, filwaqt li jrawwem il-valuri tal-Unjoni, il-parteċipazzjoni demokratika u soċjetali, is-solidarjetà, l-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet indaqs, fl-UE u lil hinn minnha. Il-Programm għandu jkun strument ewlieni għall-bini tal-Unjoni tal-Ħiliet, għall-iżvilupp taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni strateġika Ewropea fl-oqsma tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, inkluż l-aġendi settorjali sottostanti tagħha.

Il-Programm se javvanza l-kooperazzjoni fil-politika dwar iż-żgħażagħ u se jkompli jiżviluppa d-dimensjoni Ewropea fl-isport. L-objettiv huwa t-trawwim ta' Ewropa aktar inklużiva, magħquda u robusta billi tingħata s-setgħa liż-żgħażagħ, jissaħħu r-rabtiet komunitarji, u tiġi promossa s-solidarjetà permezz ta' involviment u kooperazzjoni sinifikanti. L-isport jaqdi rwol vitali bħala xprun għall-inklużjoni soċjali, is-saħħa, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-komunità. Bl-investiment tiegħu fiż-żgħażagħ, fil-volontarjat u fl-isport, il-Programm għandu l-għan li jibni soċjetajiet aktar b'saħħithom u aktar konnessi, iħeġġeġ l-involviment ċiviku u demokratiku, u jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali fil-livelli kollha.

#### *1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

Il-Programm għandu l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) li jappoġġa t-titjib tal-edukazzjoni, tal-ħiliet u tal-kompetenzi billi jiddedika attenzjoni partikolari għar-rilevanza tagħhom fis-suq tax-xogħol kif ukoll għall-iżvilupp professjonali u t-tkabbir personali tal-individwi u għall-kontribuzzjoni tagħhom f'soċjetà kompetittiva, sostenibbli u koeżiva;

(b) li jrawwem sens ta' identità Ewropea u ċittadinanza attiva, isaħħaħ is-solidarjetà u l-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà u d-demokrazija, iħalli impatt pożittiv fuq is-soċjetà, reżiljenza akbar u preparatezza aħjar biex jiġu antiċipati, evitati u indirizzati riskji ta' natura differenti;

(c) li jrawwem il-kwalità, l-inklużjoni, l-ekwità, is-sostenibbiltà, il-kreattività, l-innovazzjoni, l-eċċellenza u l-kollaborazzjoni transfruntiera, isaħħaħ l-attraenza u l-kompetittività tal-Ewropa fil-livell dinji, fl-oqsma kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport;

(d) li jinvolvi liż-żgħażagħ u jagħtihom is-setgħa li jakkwistaw u jiżviluppaw kompetenzi professjonali u personali, li jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà u d-demokrazija u jinvolvihom fil-proġett Ewropew;

(e) li jappoġġa l-iżvilupp tal-politika, inkluż għaċ-ċirkolazzjoni tal-ħiliet, billi jħaffef ir-riformi u l-modernizzazzjoni fil-livell tas-sistemi, fl-oqsma kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport, filwaqt li jiżgura li dawn ikunu aktar effettivi, reżiljenti u inklużivi;

(f) li jipprovdi liż-żgħażagħ opportunitajiet faċilment aċċessibbli biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà u attivitajiet umanitarji li jwasslu għal bidliet pożittivi fis-soċjetà tal-Unjoni, kif ukoll lil hinn minnha permezz tal-istabbiliment tal-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja, filwaqt li jtejjeb u jivvalida kif suppost il-kompetenzi tagħhom, kif ukoll jiffaċilita l-involviment kontinwu tagħhom bħala ċittadini attivi;

(g) li jippromwovi l-Mudell Ewropew tal-Isport billi jinvesti fl-isport għad-dilettanti, speċjalment l-attivitajiet volontarji, jiżgura l-aċċessibbiltà, jippromwovi l-parteċipazzjoni, jipproteġi l-integrità, jappoġġa l-governanza tajba, u jsaħħaħ ir-rwol soċjali, edukattiv u komunitarju tal-isport, permezz ta' azzjonijiet li jiffukaw fuq il-bini ta' sistema sportiva ġusta, inklużiva u sostenibbli fl-Ewropa kollha.

*1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

- Ħiliet u kompetenzi mtejba għall-parteċipanti, kemm għall-impjiegi kif ukoll għall-ħajja
- Żieda fil-kwalità, l-inklużjoni, is-sostenibbiltà, l-innovazzjoni, l-eċċellenza u l-kollaborazzjoni transfruntiera tal-organizzazzjonijiet parteċipanti tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport
- Tħaffif tar-riformi u modernizzazzjoni fil-livell tas-sistema
- Aktar parteċipazzjoni attiva, solidarjetà msaħħa u sens ta' appartenenza Ewropea fost il-parteċipanti

*1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

L-indikaturi tal-output u tar-riżultati għall-fini tal-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet ta' dan il-Programm se jikkorrispondu għall-indikaturi komuni previsti fir-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Prestazzjoni].

**1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':**

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[56]

☒ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

[56] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b), tar-Regolament Finanzjarju.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

### *1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Il-Programm għandu l-għan li joffri opportunitajiet ta' apprendiment għal kulħadd, b'mod partikolari fil-forma ta' mobbiltà tal-apprendiment, volontarjat u boroż ta' studju li se jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-ħiliet u tal-kompetenzi ewlenin għal kulħadd, kemm għall-ħajja kif ukoll għall-impjiegi, filwaqt li jippromwovi l-involviment fis-soċjetà u l-edukazzjoni ċivika, is-solidarjetà u l-inklużjoni soċjali. Dan il-Programm jistabbilixxi wkoll il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja. Il-Programm se jappoġġa wkoll il-bini tal-kapaċitajiet, permezz tal-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati fil-livell organizzazzjonali u l-iżviluppi tal-politika bil-ħsieb li jikkontribwixxi għal apprendiment tul il-ħajja ta' kwalità għolja u li jrawwem l-inklużjoni, l-eċċellenza u l-innovazzjoni fl-edukazzjoni, fit-taħriġ, fiż-żgħażagħ u fl-isport.

Huwa ppjanat li l-Programm, li huwa soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-att bażiku tiegħu, jiġi implimentat mill-1 ta' Jannar 2028, għal durata ta' 7 snin.

### *1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Filwaqt li l-Istati Membri jibqgħu responsabbli għall-kontenut u l-organizzazzjoni tal-politiki tagħhom fl-oqsma kkonċernati, l-isfidi identifikati huma komuni għall-Istati Membri kollha u/jew għandhom dimensjoni tranżnazzjonali sinifikanti, b'hekk jirrikjedu soluzzjonijiet, koordinazzjoni u appoġġ fil-livell tal-UE biex jiġu indirizzati b'mod effettiv. L-azzjonijiet tal-UE jistgħu jiffaċilitaw il-kooperazzjoni, il-bini tal-kapaċitajiet u l-apprendiment reċiproku kif ukoll l-attivitajiet transfruntieri, u fl-aħħar mill-aħħar jottimizzaw il-potenzjal tas-setturi kkonċernati, inkluż fl-azzjonijiet esterni tal-UE.

Il-Programm għandu l-għan li jsaħħaħ il-mobbiltà u l-kooperazzjoni fil-bini tal-kapaċitajiet tranżnazzjonali, kif ukoll li jappoġġa l-iżviluppi tal-politika b'dimensjoni Ewropea. Madankollu, minħabba n-natura tranżnazzjonali, il-volum għoli, u l-ambitu ġeografiku wiesa' tal-attivitajiet appoġġati, kif ukoll id-dimensjoni internazzjonali b'saħħitha tagħhom, dawn l-objettivi ma jistgħux jinkisbu b'mod adegwat jekk kull Stat Membru jaġixxi waħdu. Pereżempju, il-mobbiltà tal-apprendiment jew il-volontarjat transfruntieri huma aktar kumplessi biex jiġu organizzati fuq bażi bilaterali, u l-Istati Membri individwali jsibuha diffiċli biex jagħmluhom aċċessibbli għal kulħadd. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' Erasmus+ uriet li għalkemm l-inizjattivi uniċi tal-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport jew dawk tal-Istati Membri huma effettivi fil-livell nazzjonali, ma għandhomx l-iskala u l-volum meħtieġa biex jirnexxilhom iħallu impatt fl-Ewropa kollha. Barra minn hekk, il-kopertura kumulattiva tal-inizjattivi ffukati fuq il-pajjiżi individwali u tal-inizjattivi transsettorjali għadha limitata meta mqabbla mal-programm Erasmus+ attwali. Bl-istess mod, l-evalwazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà tikkonferma li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jaqdi rwol essenzjali u, f'xi pajjiżi, huwa l-unika alternattiva għall-volontarjat u s-solidarjetà fost iż-żgħażagħ.

Barra minn hekk, bl-estensjoni tal-ambitu tal-Programm biex ikopri l-attivitajiet ta' volontarjat, inkluż il-volontarjat b'appoġġ għall-operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja, Erasmus+ se joffri liż-żgħażagħ li jinsabu fl-UE, inkluż fiż-żoni rurali u remoti, kif ukoll lil dawk li jinsabu barra minnha, punt ta' dħul uniku għall-opportunitajiet tal-UE. Bħalissa dawn huma aċċessibbli biss permezz ta' skemi distinti. Għalhekk, Erasmus+ se jiżgura li ż-żgħażagħ interessati kollha madwar l-UE jkollhom opportunitajiet indaqs għal varjetà usa' ta' attivitajiet u li jkunu jistgħu jaċċessawhom aktar faċilment. Il-Programm jistabbilixxi wkoll il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja li huwa obbligu tat-Trattat.

Il-valur miżjud tal-finanzjament tal-UE fl-oqsma ta' politika koperti mill-Programm kien rikonoxxut b'mod wiesa' mir-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika miftuħa mwettqa mill-Kummissjoni għall-QFP il-ġdid, u l-maġġoranza l-kbira enfasizzat l-importanza tiegħu.

Il-Programm se jikkontribwixxi biex il-livell tal-ħiliet bażiċi jogħla u biex il-volum ta' professjonisti ta' ħila jiżdied, anke fis-setturi strateġiċi ewlenin għall-kompetittività tal-UE. Se jgħin biex jitrawmu, jiġu attirati u jinżammu t-talenti, anke mill-pajjiżi terzi. Permezz tal-ġbir flimkien tal-għarfien espert u tar-riżorsi, il-bini tal-kapaċitajiet u l-kooperazzjoni tranżnazzjonali appoġġati mill-Programm se jrawmu l-innovazzjoni, iżidu t-tagħlim ta' kwalità u jgħinu fl-indirizzar tan-nuqqas ta' ħiliet u ta' talent li għandha l-Ewropa f'setturi u territorji ewlenin, inkluż fil-qasam tal-iSTEM u t-tranżizzjoni doppja, b'hekk l-Ewropa ssir destinazzjoni tal-edukazzjoni aktar attraenti għat-talent minn madwar id-dinja kollha.

L-inizjattiva se tlaqqa' flimkien lil persuni minn sfondi u pajjiżi differenti u se tappoġġahom biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' volontarjat li jippermettulhom jesperjenzaw perjodu barra minn pajjiżhom, jiffaċilitaw il-fehim interkulturali, u jrawmu identità kollettiva u apprezzament tal-valuri bħad-demokrazija, il-libertà, u d-drittijiet tal-bniedem. Pereżempju, l-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu ta' Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jenfasizzaw l-impatt sinifikanti tagħhom fuq it-trawwim ta' sens ta' identità u appartenenza Ewropea, is-sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-valuri komuni tal-UE u, fil-każ ta' Erasmus+, fuq l-iżvilupp tal-għarfien għall-integrazzjoni Ewropea. Billi jippermetti l-ħolqien u l-bini ta' networks dejjiema ta' individwi u organizzazzjonijiet, il-Programm se jagħmilha possibbli li jiġu stabbiliti sew l-identità Ewropea u l-valuri tal-UE.

Il-Programm se jrawwem l-iżvilupp, it-trasferiment u l-implimentazzjoni ta' prattiki innovattivi u ta' kwalità għolja fl-edukazzjoni, fit-taħriġ, fiż-żgħażagħ u fl-isport, u jżid il-kapaċità tal-organizzazzjonijiet li jaħdmu b'mod tranżnazzjonali. Il-Programm se jappoġġa kollaborazzjoni msaħħa mas-settur privat u mal-ekosistemi tal-innovazzjoni, filwaqt li jieħu vantaġġ mill-investimenti fil-ħiliet kritiċi għall-kompetittività, ir-reżiljenza, il-preparatezza u l-koeżjoni soċjali tal-UE. Se jixpruna wkoll il-progress tal-politika u l-impatt sistemiku b'mod partikolari billi jaġixxi bħala ambjent tal-ittestjar għal approċċi li mbagħad jispiraw skemi nazzjonali/reġjonali. Billi jrawwem l-arrikkiment reċiproku bejn il-pajjiżi, il-Programm se jgħin lill-Istati Membri javvanzaw u jimmodernizzaw is-sistemi u l-politiki tagħhom.

Barra minn hekk, il-Programm se jinkludi azzjonijiet biex jitwessa' l-aċċess għall-atturi ta' daqs iżgħar billi jappoġġa formati flessibbli kif ukoll jipprovdi punt ta' aċċess għall-organizzazzjonijiet ta' bażi u l-parteċipanti ġodda għall-fondi tal-Unjoni u jagħtihom l-opportunità li jiksbu esperjenza fil-kooperazzjoni tranżnazzjonali. Se

jkollu wkoll dimensjoni b'saħħitha ta' inklużjoni u ta' diversità u se jappoġġa l-iżvilupp tal-ħiliet għall-impjiegi u għall-ħajja, b'mod partikolari ta' dawk b'inqas opportunitajiet.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Il-proposta hija bbażata fuq l-esperjenza twila tal-programmi preċedenti fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ, tal-isport u tal-volontarjat.

L-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu ta' Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà juru li ż-żewġ programmi jipprovdu valur miżjud Ewropew qawwi għall-individwi, għall-organizzazzjonijiet u għall-politika, inkluż fid-dimensjoni internazzjonali tiegħu, u dan huwa riżultat li ma jistax jinkiseb fil-livell nazzjonali.

L-evalwazzjoni finali tal-programm 2014–2020 u l-evalwazzjoni interim tal-programm 2021–2027 sabu li Erasmus+ jagħti prestazzjoni b'saħħitha fejn jidħlu l-kriterji ta' evalwazzjoni ewlenin u jissodisfa l-objettivi tiegħu b'mod effettiv. Iż-żewġ ġenerazzjonijiet tal-Programm irnexxielhom jipprovdu valur miżjud Ewropew qawwi, u qdew rwol ewlieni fl-oqsma tal-edukazzjoni, tat-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport. Erasmus+ jaqbeż b'mod sinifikanti dak li jista' jinkiseb minn pajjiżi individwali fil-livell nazzjonali jew internazzjonali. Il-benefiċċji tiegħu jirriżultaw mill-opportunitajiet li jipprovdi għall-iżvilupp personali, edukattiv u professjonali tal-istudenti u tal-persunal, għall-kooperazzjoni transfruntiera tal-organizzazzjonijiet u għall-iżvilupp tal-politika fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport, b'hekk lil dawk li jieħdu sehem fil-Programm jipprovdilhom benefiċċji sinifikanti, meta mqabbla ma' dawk li ma jeħdux sehem.

L-evalwazzjoni finali tal-programm 2018–2020 u l-evalwazzjoni interim tal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà 2021–2027[57] sabu li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jagħti prestazzjoni tajba fil-ħames kriterji ta' evalwazzjoni (ir-rilevanza, l-effiċjenza, l-effettività, il-koerenza, il-valur miżjud tal-UE). Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jindirizza l-ħtiġijiet kruċjali tas-soċjetà Ewropea, speċjalment fit-trawwim tal-parteċipazzjoni ċivika u fil-promozzjoni tal-inklużjoni u tad-diversità. Il-Programm irawwem sens ta' komunità, jagħti ħajja ġdida lill-inizjattivi lokali u jippromwovi perspettiva globali usa'. Il-parteċipazzjoni tikkontribwixxi għat-titjib tal-ħiliet personali, professjonali u relatati mal-istudju kif ukoll għas-sensibilizzazzjoni soċjali u ċivika.

Fl-istess ħin, iż-żewġ evalwazzjonijiet jindikaw li hemm xi oqsma li jistgħu jitjiebu f'termini ta' tfassil. Fosthom insibu l-espansjoni tal-firxa tal-programmi, l-iffaċilitar tal-aċċess, is-simplifikazzjoni tal-ġestjoni, it-titjib tal-monitoraġġ, it-tisħiħ tas-sinerġiji u l-evitar ta' duplikazzjonijiet ma' programmi oħra, u ż-żieda fil-flessibbiltà biex jiġu indirizzati sfidi ġodda. Pereżempju, l-evalwazzjoni ta' Erasmus+ sabet li hemm xi duplikazzjoni bejn l-attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ ta' Erasmus+ u l-proġetti ta' solidarjetà ffinanzjati mill-Korp, billi t-tnejn li huma jappoġġaw inizjattivi mmexxija miż-żgħażagħ u organizzati minn gruppi informali ta' żgħażagħ.

[57] COM(2025) 144 final, SWD(2025) 75, 1.4.2025

### 1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-Programm huwa wieħed mill-istrumenti ta' finanzjament parti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028–2034 u għandu grad għoli ta' koerenza u komplementarjetà ma' prijoritajiet u skemi ta' finanzjament ewlenin oħra tal-UE.

Il-Programm se jikkomplementa u jsaħħaħ l-azzjonijiet iffinanzjati permezz tal-azzjonijiet esterni tal-Unjoni, biex jattira u jżomm it-talent globali, isaħħaħ l-influwenza u l-attraenza tal-UE fix-xena dinjija, u jikkontribwixxi għall-preparatezza tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali, inkluż billi jippromwovi l-kuntatti bejn il-persuni u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi.

Hemm komplementarjetà sinifikanti bejn il-Programm u l-kooperazzjoni tranżnazzjonali tiegħu ffaċilitata permezz ta' ġestjoni diretta u indiretta u ta' interventi mfassla apposta għal-livell nazzjonali u għal-livell reġjonali appoġġati minn pakketti nazzjonali. Fil-fatt, il-parti tranżnazzjonali taħt ġestjoni diretta u indiretta, tipprovdi apprendiment kondiviż, networking u ġbir flimkien tar-riżorsi fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport, b'hekk tappoġġa l-iżvilupp ta' prattiki ta' tagħlim ta' kwalità, in-networking u l-modernizzazzjoni, li ma jistgħux jinkisbu bis-saħħa ta' interventi nazzjonali biss, filwaqt li l-baġits nazzjonali allokati minn qabel jappoġġaw b'mod partikolari l-interventi strutturali wiesgħa biex jiġu indirizzati d-disparitajiet soċjoekonomiċi u territorjali, inkluż iż-żoni rurali u remoti, bħall-forniment ta' infrastruttura, tagħmir u servizzi għall-edukazzjoni u t-taħriġ, l-appoġġ għat-titjib tal-ħiliet tal-gruppi żvantaġġati, jew il-promozzjoni tal-impjiegi u tal-intraprenditorija permezz tat-taħriġ u billi jibdew isiru r-riformi.

Hemm rabtiet b'saħħithom bejn Erasmus+ u l-Fond Ewropew għall-Kompetittività, u huma meħtieġa sinerġiji biex jgħinu fl-eliminazzjoni tas-silos bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni u s-suq tax-xogħol (u sa ċertu punt l-apprendiment mhux formali u informali) għall-benefiċċju aħħari tal-kompetittività. Pereżempju, l-edukazzjoni tikkontribwixxi għall-iżvilupp tar-riċerka u l-innovazzjoni u tippermetti t-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija mid-dinja akkademika għall-industrija u n-negozji, għalhekk tista' tappoġġa wkoll strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti. It-titjib tal-prattiki ta' suċċess u t-trasferiment tagħhom mill-qasam edukattiv għal dak tar-riċerka jew tal-industrija jistgħu jiġu ffaċilitati permezz ta' dispożizzjonijiet legali u mekkaniżmi ta' implimentazzjoni li jiżguraw il-fluss tal-għarfien fost is-setturi b'interkonnessjonijiet ċari.

F'konformità mal-Istrateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza, Erasmus+ jippromwovi wkoll il-preparatezza, ir-reżiljenza, il-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika u l-involviment ċiviku permezz ta' approċċ axxendenti, billi jħeġġeġ lill-organizzazzjonijiet u lill-istituzzjonijiet japplikaw għal finanzjament u jrawmu l-litteriżmu diġitali u medjatiku, il-ħsieb kritiku, l-involviment, u l-apprendiment dwar iċ-ċittadinanza demokratika. Il-volontarjat huwa essenzjali wkoll fit-trawwim ta' kultura ta' preparatezza inklużiva u reżiljenza tas-soċjetà. Il-Programm huwa wkoll allinjat mill-qrib mal-istrument tal-UE li jikkontribwixxi għall-indirizzar u l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali u d-demokrazija, tal-media u tal-kultura, u huwa wkoll komplementari għalih.

Minkejja li dawn il-programmi huma appoġġati minn strumenti distinti, li għandhom *modi operandi* indipendenti kif ukoll loġika ta' intervent, modi ta' ġestjoni u arkitettura differenti, l-interazzjoni tagħhom tista' tiġġenera effetti konverġenti.

Għalhekk, se jsiru sforzi biex jinkisbu sinerġiji, meta jkun possibbli u meta jkunu jrendu aktar valur miżjud.

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

| |
|---|
| M/A |

1.6. **Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha**

- Durata limitata
- Fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034
- Impatt finanzjarju mill-2028 sal-2034 għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u mill-2028 sal-2034 għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

1.7. **Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)**[58]

- **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

✓ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

✓ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

- **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

✓ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)

– ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju

✓ lill-korpi tad-dritt pubbliku

✓ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti

– ☐· lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà *in solidum* mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

Kummenti

[58] Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx.

Il-Programm se jiġi implimentat permezz ta' taħlita ta' modi ta' ġestjoni diretta u indiretta, approċċ li rnexxa f'Oqfsa Finanzjarji Pluriennali preċedenti u li ġie kkonfermat mill-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' Erasmus+ bħala fattur ewlieni fl-effiċjenza tal-Programm.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Ir-regoli dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-evalwazzjoni għal dan il-Programm se jsegwu r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Prestazzjoni].

Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport ta' implimentazzjoni għall-programm Erasmus+ futur mhux aktar tard minn 4 snin wara li jiġi implimentat, sabiex tivvaluta l-progress li jkun għamel biex jikseb l-objettivi tiegħu.

Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni retrospettiva f'konformità mal-Artikolu 34(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 sa mhux aktar tard minn 3 snin wara l-perjodu ta' programmazzjoni tal-programm Erasmus+ futur.

L-objettiv huwa li jintużaw l-arranġamenti eżistenti, sa fejn ikun possibbli, u li jiġi ssimplifikat, jiġi rrazzjonalizzat u jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-parteċipanti (individwi u organizzazzjonijiet), filwaqt li jiġi żgurat li tinġabar biżżejjed informazzjoni għall-valutazzjoni tar-riżultati tal-Programm u għas-salvagwardja tal-akkontabbiltà. Għaldaqstant, ir-regoli għall-monitoraġġ u għar-rapportar se jiġu stabbiliti sistematikament billi titqies l-effiċjenza u l-kosteffettività tagħhom, abbażi tal-esperjenza miksuba fil-programm attwali, mingħajr ma jiġu kompromessi l-ħtiġijiet tad-data għall-finijiet tal-evalwazzjoni.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Il-kombinazzjoni kontinwa proposta ta' modi ta' ġestjoni tal-programmi (diretta u indiretta) hija bbażata fuq l-esperjenza pożittiva tal-implimentazzjoni tal-programm Erasmus+ attwali, li konsistentement ipproduċa riżultati pożittivi matul il-perjodi ta' programmazzjoni suċċessivi. Tibbaża fuq l-istrutturi eżistenti, f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà, tal-proporzjonalità u tal-effiċjenza. Il-preservazzjoni ta' modalitajiet ippruvati u ttestjati se tippermettilna niffukaw fuq l-eżekuzzjoni u l-prestazzjoni u li nissalvagwardjaw it-titjib diġà miksub fl-effiċjenza, filwaqt li xxejjen il-piż amministrattiv. Il-prinċipju ġenerali jinżamm: bħala regola ġenerali, mhux se jingħata appoġġ dirett lil benefiċjarji individwali; l-appoġġ se jkompli jiġi pprovdut permezz ta' organizzazzjonijiet parteċipanti, li se jgħadduh lil studenti jew prattikanti individwali. Il-ġestjoni indiretta permezz tal-aġenziji nazzjonali ġiet ikkonfermata mill-evalwazzjonijiet suċċessivi bħala l-aktar mod effettiv ta' ġestjoni għall-proġetti ta' mobbiltà u kooperazzjoni li għandhom l-għan li jibnu l-kapaċitajiet fil-pajjiżi parteċipanti kollha. B'kuntrast ma' dan, il-ġestjoni diretta hija effettiva f'azzjonijiet trażversali fil-livell Ewropew bis-saħħa tal-ekonomiji ta' skala u l-kapaċità tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura li tiġġestixxi l-azzjonijiet permezz ta' għodod u proċeduri korporattivi.

#### *2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-riskji identifikati fl-implimentazzjoni tal-programmi attwali jidħlu prinċipalment fil-kategoriji li ġejjin:

- erruri li jirriżultaw min-nuqqas ta' esperjenza tal-benefiċjarji fejn jidħlu r-regoli. Ir-riskju jittaffa sew bl-użu ta' kostijiet simplifikati (somom f'daqqa, rati fissi u skali ta' kostijiet unitarji) kif permess mir-Regolament Finanzjarju;
- l-affidabbiltà tal-katina ta' kontroll u ż-żamma tar-rekord tal-awditjar. Il-programm propost ikompli jiġi ġestit mill-aġenziji nazzjonali, b'kontrolli superviżorji pprovduti minn korp tal-awditjar indipendenti kif previst fir-Regolament Finanzjarju, kif ukoll b'superviżjoni operazzjonali u ta' governanza min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali. Il-qafas ta' kontroll li jtaffi dawn ir-riskji huwa stabbilit sew;
- il-parteċipanti fil-mira speċifiċi (eż. is-settur taż-żgħażagħ jew tal-adulti) jaf ma jkollhomx il-kapaċità ta' ġestjoni finanzjarja meħtieġa għall-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni, u jkunu soġġetti għal monitoraġġ u verifiki addizzjonali abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju. Is-simplifikazzjoni ewlenija biex jittaffew ir-riskji u jitnaqqsu r-rati ta' erruri li jirriżultaw mill-kumplessità tar-regoli finanzjarji se tkompli tkun l-użu wiesa' tal-għotjiet fil-forma ta' somom f'daqqa, rati fissi u skali ta' kostijiet unitarji, u formati simplifikati ta' azzjonijiet, b'hekk ir-regoli jkunu jistgħu jiġu segwiti aktar faċilment, filwaqt li tiġi ppreservata l-akkontabbiltà.

